Riċerkaturi

Id-Dipartiment tal-Malti
L-Università ta' Malta

Ħarġa 3
2021

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti
© 2021 Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta

Koordinazzjoni:
Dr Michael Spagnol

Qari tal-Provi:
Dwayne Ellul

Disinn:
Panda
www.panda.com.mt

ISBN: 978-9918-0-0193-4

4. **Meta Tiddawwar**
Michael Spagnol

6. **Il-Lirika fil-Poeżija**
Maria Agius

20. **Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat**
Franklyn Baldacchino

32. **L-Allomorfija fil-Malti**
Raffaello Bezzina

48. **Analiżi Fonetika u Fonoloġika tad-Djalett Imġarri**
Yasmin Camilleri

62. **Il-Kunċett tal-Universalità fil-Letteratura**
Matthew Chappell

74. **Il-Varjazzjoni Interna f'Erbat Ibliet Maltin**
Diane Cutajar

Meta Tiddawwar

Jekk noftqu l-kelma *riċerka* nsibu l-verb Taljan *cercare* 'tfittex', marbut mal-Latin *circare* 'iddur madwar'. Il-prefiss *ri-* jsaħħaħ l-idea, jesprimi l-intensità u l-perseveranza fit-tiftix, ix-xewqa li minn hemm jew minn hawn jirnexxilna nikxfu, niskopru, insibu. Mela, skont nisilha, *tirriċerka* tfisser iddur dawramejt ma' xi suġġett. Tiddawwar biex ma tiddawwarx, ma ddumx ma tikseb ir-riżultati. Tagħqad, mhux fil-vojt. Anzi, tingħalaq f'ċirku ħalli l-isforzi tat-tiftix tkun tista' tinkanalahom fih u l-għanijiet tilħaqhom bla wisq telf ta' żmien u enerġija.

F'idejk għandek l-isforzi ta' sitt riċerkaturi żgħażagħ li daru madwar għadd ta' temi lingwistiċi u letterarji. Chappell jesplora l-kunċett tal-universalità fil-letteratura li jinsab fil-qalba tat-teorija letterarja ta' Oliver Friggieri, waqt li Agius tiddiskuti l-istorja u l-karatteristiċi tal-lirika fil-poeżija. L-artikli l-oħrajn jaqbdu mal-varjazzjoni fil-lingwa minn angoli differenti. Baldacchino jippreżenta studju soċjolingwistiku dwar it-taħlit tal-Malti u l-Ingliż fit-taħdit. Bezzina janalizza l-allomorfija, il-varjazzjoni morfofonetika, f'kategorija nominali. L-aħħar tnejn jiffukaw fuq id-djaletti: Camilleri tiddeskrivi s-sistema fonoloġika tal-Imġarri mentri Cutajar tistħarreġ id-differenzi lessikali f'erba' lokalitajiet fil-gżejjer Maltin.

Niddedikaw din il-ħarġa lil seħibna Oliver Friggieri li ħalliena fil-21 ta' Novembru 2020.

Dr Michael Spagnol
28 ta' Diċembru 2021

Il-Lirika fil-Poeżija

Studenta:
Maria Agius

Tutur:
Prof. Adrian Grima

1. Daħla

Il-poeżija lirika għandha storja twila fil-Punent. Skont Allen Grossman, "*lyric is the most continuously practiced of all poetic kinds in the history of Western representation*" (*The Sighted Singer* 211). Dan l-istudju jistħarreġ il-karatteristiċi tal-poeżija lirika, b'mod speċjali fid-dawl ta' dak li jikteb Jonathan Culler fil-ktieb tiegħu *Theory of the Lyric*. Imbagħad, permezz ta' analiżi letterarja, nara jekk dawn il-karatteristiċi jinstabux f'għadd ta' poeżiji rappreżentattivi ta' Oliver Friggieri. Filwaqt li fit-teżina hemm żewġ kapitli li fihom ninqeda b'din it-teorija tal-lirika biex nanalizza għadd ta' poeżiji rappreżentattivi ta' Oliver Friggieri, hawnhekk se nikkonċentra fuq in-natura u l-istorja tal-lirika.

2. L-Istorja tal-Lirika

Il-lirika nistgħu nqisuha bħala l-mod stramb kif nindirizzaw lil elementi bħall-ħin, ir-riħ, u s-siġar u lil persuni li mhumiex preżenti (Culler, *Theory* vii). Apparti li nindirizzawhom, nistgħu nitolbuhom jagħmlu xi ħaġa partikolari jew ma nħalluhomx jagħmlu dak li jagħmlu s-soltu.

Minħabba l-bidla minn teorija mimetika għal waħda espressiva li ħareġ biha M. H. Abrams, il-lirika saret il-mudell tal-poeżija inġenerali, "in-norma poetika" (Culler, *Theory* 76). Il-lirika kisbet prominenza fl-isfera tal-poeżija fost l-oħrajn għaliex inqatgħu minnha l-epika, li saret ir-rumanz, u d-drama, li bdiet tinkiteb fi proża minflok versi.

Id-diffikultajiet rigward il-kategorija tal-lirika bdew mill-Griegi tal-qedem li kienu jiddistingwu bejn tipi differenti ta' poeżija: dawk marbutin ma' ċirkustanzi tematiċi, u dawk marbutin ma' metri partikulari li huma assoċjati ma' tip ta' reċitazzjoni (Culler, *Theory* 49). It-teoristi tradizzjonali jgħidu li hemm żewġ tipi ta' teoriji ta' dan il-ġeneru: dawk li mibnijin fuq l-esperjenza (empiriċi) u dawk li huma bbażati fuq ideat u prinċipji astratti (teoretiċi) (Culler, *Theory* 45-46). Goethe jitkellem fuq it-tliet forom naturali tal-poeżija, dik epika, drammatika u lirika, li jiddistingwihom minn varjetà ta' "ġeneri empiriċi," bħalma huma l-ballata, id-drama, l-epistola (jew l-ittra), il-ħrafa, l-ode, ir-rumanz, il-parodija, u l-istorja ta' mħabba (f'Culler, *Theory* 75). It-tqassim ta' Goethe bejn it-tliet forom naturali tal-poeżija sar in-norma fis-seklu dsatax, minkejja li fis-sekli ta' qabel, ħafna poeti u kritiċi identifikaw bosta ġeneri speċifiċi ta' lirika (Culler, *Theory* 75). Fil-ktejjeb *Literary Theory: A Very Short Introduction*, Culler jargumenta li storikament ħafna teoristi tal-ġeneru qasmu x-xogħlijiet letterarji fi tliet klassijiet kbar, skont il-vuċi tax-xogħol: 1. il-vuċi poetika jew lirika, meta n-narraturi jkunu qegħdin jitkellmu fl-ewwel persuna; 2. l-epika jew in-narrattiva, li fihom in-narraturi jsemmgħu l-vuċi tagħhom imma jagħtu lok lill-karattri biex jitkellmu huma wkoll; 3. id-dramm, li fih jitħaddtu biss il-karattri fuq il-palk. Id-distinzjoni bejn dawn it-tlieta tidher ukoll fir-relazzjoni tal-kelliem jew tal-kelliema mal-udjenza għax fl-epika l-poeta jkellem b'mod dirett lill-udjenza li qiegħda tisma'. Fid-dramm l-awtur ikun moħbi mill-udjenza u jitkellmu biss il-karattri ta' fuq il-palk. Imbagħad fil-lirika niltaqgħu mal-aktar relazzjoni kkumplikata. Hawnhekk il-poeti, permezz tal-kant jew il-kant ritwalistiku, jistħajlu li qegħdin ikellmu lilhom infushom jew lil xi ħadd ieħor, bħal xi spirtu tan-natura, ħbieb, maħbubin, u Alla (*Literary Theory* 73-74).

It-teorista Ġermaniża Eva Müller-Zettelmann għamlet lista tat-tendenzi li jiddistingwu l-lirika mill-ġeneri l-oħra, jiġifieri l-qosor, in-nuqqas ta' elementi fittizji, strutturi iktar intensi u formali, awtoreferenzjalità aktar estetika, devjazzjoni lingwistika aħjar, u suġġettività epistemoloġika aħjar (33). F'*The Mirror and the Lamp,* Abrams jistqarr li b'kuntrast mal-forom narrattivi u drammatiċi, ħafna mil-liriċi ma jinkludux elementi bħalma huma l-karattri u l-plott. Il-maġġoranza tal-liriċi huma magħmulin minn ħsibijiet u ħsus imlissnin fl-ewwel persuna u l-uniku karattru disponibbli li għalih jistgħu jirreferu dawn is-sentimenti huwa l-poeta nnifsu (84-85). Karatteristika oħra li tiddistingwi l-lirika jidher li hi t-tentattiv li tingħata l-impressjoni li qed tiġri xi ħaġa issa, fil-mument tad-diskors (Culler, *Theory* 37).

Fi żmien il-qedem u fir-Rinaxximent, l-epika u d-dramm traġiku kienu l-aqwa forma ta' letteratura, u dawk kollha li riedu jsiru poeti kienu jħabirku biex isiru mgħallmin ta' dawn il-ġeneri. Imbagħad l-invenzjoni tar-rumanz ġabet kompetizzjoni ġdida fix-xena letterarja, iżda bejn l-aħħar tas-seklu 18 u nofs is-seklu 20, bdew iħarsu lejn il-lirika, jiġifieri poeżija qasira mhux narrattiva, bħala l-qofol tal-letteratura. Fl-imgħoddi kienu jħarsu lejha bħala tip ta' espressjoni għolja (jew elevata), bħala l-espressjoni eleganti tal-valuri u l-attitudnijiet kulturali. Aktar tard il-poeżija lirika bdew iħarsu lejha bħala l-espressjoni ta' ħsus qawwija li għandhom x'jaqsmu kemm mal-ħajja ta' kuljum kif ukoll mal-valuri traxxendentali. B'hekk setgħet tfisser l-iktar ħsus ġewwiena tas-suġġett individwali, tal-bniedem. Din l-idea għadha popolari, iżda t-teoristi kontemporanji jaraw il-lirika iktar bħala xogħol assoċjattiv u immaġinattiv fuq il-lingwa, sperimentazzjoni bil-konnessjonijiet lingwistiċi u formulazzjonijiet li iktar jagħmlu mill-poeżija mezz ta' tfixkil kulturali milli repożitorju ewlieni tal-valuri tagħha (*Literary Theory* 74). Għalkemm il-poeti kontemporanji jirreżistu l-idea tal-lirika, ħafna minnhom jorbtu mat-tradizzjoni tal-lirika biex jiksbu l-effetti mixtieqa (*Theory* 32).

Sabiex Culler jidentifika u jesplora aspetti tal-lirika li aktarx huma importanti għat-teorija tal-lirika, ma jibdiex b'definizzjonijiet. Minflok jibda billi jagħti ħarsa lejn tipi differenti ta' poeżiji minn lingwi varji u minn mumenti differenti tat-tradizzjoni tal-lirika tal-Punent li tippreżenta t-tendenzi u l-possibilitajiet. Bħala eżempju Culler juża poeżija ta' Saffo, l-unika poeżija kompluta li għandna tagħha, u jsostni li hi poeżija impressjonanti u paradigma jew mudell tal-lirika.

Fil-poeżija "Ode lil Afrodite" Saffo qed tindirizza lil Afrodite u Afrodite tindirizza lura lil Saffo (*Theory* 10). Ir-rappreżentazzjoni fir-rispons ta' Afrodite f'din il-poeżija hi qawwija u tiġbed l-għajn għax isseħħ it-tranżizzjoni mid-diskors irrappurtat għal dak dirett. Il-virgoletti ma jintużawx bħalma jsir illum il-ġurnata f'edizzjoni moderna. Għalhekk it-tranżizzjoni ssir permezz ta' logħob bil-pronomi: mill-pronom "jien" għall-pronom "int" u fil-każ ta' Afrodite, mill-pronom "int" għall-pronom "jien" (Culler, *Theory* 13). Dan it-tibdil mid-diskors rappurtat għad-diskors dirett joħloq effetti imprevedibbli tal-apparenza ta' Afrodite fil-preżent, allavolja l-poeżija tippreżenta l-apparenza u diskors ta' okkażjonijiet fil-passat. L-alla Griega taqleb id-diskors fil-preżent u l-futur: "*whom am I to persuade once again this time?/... Who, o Sappho, does you wrong?*" Permezz ta' dan id-diskors donnu għandna lil Afrodite preżenti u qiegħda titkellem hawn illum, f'dan il-mument. Dan it-taħdit irrakkuntat ma seħħx biss fil-passat iżda jseħħ issa wkoll, f'kull ħin li l-poeżija tiġi ppreżentata. Mikhail Bakhtin jittratta l-poeżija bħala monologu u jorbot id-djalogi mar-rumanz; iżda f'din il-poeżija, jiġifieri fil-bidu tat-tradizzjoni lirika, diġà nsibu djaloġiżmu (Culler, *Theory* 14). Marshall Brown tistqarr li waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-lirika hija li toffri kontrapunt ta' vuċijiet permezz tad-djalogu: "*dialogue is precisely what the lyric counterpoint of voices provides. Whether we call it music, suggestiveness, or haunting, the interior distance achieved by lyric is an opening onto a dynamic mental space whose power has often been felt, even if it is rarely formulated*" (134). Il-misteru essenzjali tal-lirika hu "*its way of being of two minds*": il-lirika hija dejjem "bejn ħaltejn." Dan l-eżempju ta' Saffo jurina l-lirika bħala att performattiv u avveniment, att pubbliku li Culler isejjaħlu "*triangulated address,*" jiġifieri vuċi li tkellem lis-semmiegħa permezz ta' indirizz apostrofiku lil qawwa mhux preżenti *(Theory* 15). Bl-użu tad-deissi, tal-"*here and now,*" tal-espressjoni u strutturi retoriċi oħrajn, din il-poeżija tippreżenta ruħha bħala avveniment f'ħin li jirrepeti ruħu. Dawn joħolqu effetti ta' preżenza li 'l quddiem isiru wħud mill-possibiltajiet fundamentali tal-lirika (*Theory* 16). Madankollu, għadni rrid nesplora l-mistoqsija dwar kif il-lirika toħloq l-effetti ta' preżenza u x'inhi l-funzjoni ta' dawn l-effetti fil-lirika (Culler, *Theory* 37).

3. Il-Ħsus u s-Sentimenti

Fis-seklu għoxrin, ir-reżistenza għal-lirika saret parti mill-prassi poetika. Madankollu, il-mudell tal-lirika bħala l-espressjoni passjonali tal-poeta baqa' b'saħħtu, speċjalment f'testi

pedagoġiċi sal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, b'riċerkaturi bħal Walter Blair u W. K. Chandler li kitbu li "l-poeżija lirika tqanqal emozzjoni għaliex tesprimi s-sentimenti tal-awtur" (250). Ftit snin wara, Lawrence Zillman kiteb li "*First, and most important, is the impression gained that the lines are spoken by the poet himself, giving expression to his personal feelings, aspirations, or attitudes*" (161). Il-lirika, għal Mark Booth, hija "*The voicing of one moment's state of feeling*" (73), għalhekk l-enfasi tiegħu hija fuq il-ħsus, fuq il-lirika bħala ritratt tal-mod kif qed tħossha l-persuna f'mument partikulari, fuq qagħda jew stat. Waqt li jsemmi l-ħsus ukoll, M. H. Abrams jagħti iktar importanza lill-istat tal-moħħ, lill-pożizzjoni mentali ta' min qed jitkellem fil-poeżija jew lill-proċess ta' ħsieb tiegħu: għalih il-lirika hija "*any fairly short, non-narrative poem presenting a single speaker who expresses a state of mind or a process of thought and feeling*" (*A Glossary* 201). F'intervista li għamel fl-1962 lil Rużar Briffa, Ġużè Aquilina jisħaq li l-lirika "wieħed jista' jxebbahha mat-tifwir tas-sentimenti li l-poeta jħosshom f'daqqa waħda" (0:40 - 0:44). Din l-istqarrija toħodna lura għall-1800 meta fid-daħla għall-ġabra *Lyrical Ballads* ta' Wordsworth u Coleridge, Wordsworth kiteb li "*poetry is the spontaneous overflow of powerful feelings*" (175). Dan il-ħsieb jipproponi li l-poeżija għandha tesprimi l-ħsus qawwija li jġarrbu l-poeti. Il-pożizzjoni ta' Oliver Friggieri hi li kull tip ta' kitba poetika tista' titqies bħala lirika dment li tirrifletti l-emozzjoni qawwija tal-awtur jew l-awtriċi ("Lirika"). L-istess definizzjoni tal-lirika tinsab fid-definizzjoni tal-poeżija Romantika stess għaliex ukoll inqisuha bħala espressjoni spontanja, sinċiera u qawwija ta' sentiment, xi ħaġa waħdanija u personali. Friggieri saħansitra jistqarr li nistgħu nqisu l-lirika bħala karatteristika ewlenija tal-poeżija Maltija kollha, inkluż il-poeti ta' wara l-Indipendenza.

Il-Kritika l-Ġdida ċċaqlaq l-attenzjoni minn fuq il-poeta għal fuq it-test għax tittratta l-lirika bħala mitkellma mill-persona u mhux mill-poeta (Culler, *Theory* 77). Waqt li Abrams ra l-lirika tas-seklu 19 bħala l-espressjoni intensa tal-poeti (li eventwalment issir in-norma), il-Kritika l-Ġdida fl-erbgħinijiet tas-seklu 20 bdiet tbiegħed lill-awturi mit-test poetiku u tittratta d-diskors bħala diskors tal-persona (Culler, *Theory* 84). Fis-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin, l-ewwel tip ta' lirika, jiġifieri l-lirika bħala l-espressjoni tal-emozzjonijiet tal-poeta, wassal biex tonqos l-importanza storika ta' diversi sottoġeneri tal-lirika. It-tieni tip ta' lirika, li ġiet stabbilita f'nofs is-seklu għoxrin, ipprovdiet mod distintiv ta' kif jinqraw il-poeżiji,

jiġifieri bħala d-diskors ta' persona fittizja (Culler, *Theory* 85). Minħabba li dawn iż-żewġ mudelli tal-lirika – jiġifieri l-lirika bħala espressjoni tal-emozzjonijiet tal-poeta u l-lirika bħala rappreżentazzjoni ta' vuċi fittizja tal-poeta jew tal-persona – jidhru f'mumenti storiċi differenti u għandhom ukoll funzjonijiet differenti, Culler jemmen li huwa storikament irresponsabbli li ngħaqqduhom flimkien bħala "liriċizzazzjoni" (Culler, *Theory* 84).

4. Il-Vuċi tal-Lirika u l-Poeta

Sa minn żmien il-Griegi, il-lirika ġeneralment kienu jqisuha bħala kitba li l-qarrejja jlissnuha f'qalbhom jew bil-fomm. Iżda l-importanza tal-ħoss fil-lirika ġiegħlet lill-idea tal-vuċi tispikka, kemm fil-poeżija nnifisha kif ukoll fit-tradizzjoni tal-kritika (*Theory* 34).

Il-fatt li l-lirika miktuba tibqa' talludi għal-lira, jiġifieri għall-istrument qadim li jixbah lill-arpa, u l-fatt li tibqa' titkanta anke wara li tieħu l-forma ta' kitba, jikxfu l-importanza tad-dimensjoni fonetika biex jinħolqu l-effetti karatteristiċi tal-poeżija lirika. Il-prinċipju tal-intelliġibilità fil-poeżija lirika jiddependi fuq il-fenomenu tal-vuċi poetika (de Man 55). Jiġifieri, sabiex aħna l-qarrejja naqraw xogħol bħala liriku rridu ningħataw vuċi, biex b'hekk nikkonvinċu ruħna li qegħdin nisimgħu vuċi (Culler, *Theory* 35). Din l-idea tal-lirika marbuta ma' dak li de Man isejjaħlu "*the phenomenalization of the poetic voice*" – jiġifieri l-kunċett li nikkonvinċu ruħna li qed nisimgħu vuċi – kienet, għal ħafna, mudell li jevitawh (85).

Meta naħsbu fuq il-lirika, huwa kruċjali li nibdew bid-distinzjoni bejn il-vuċi li nisimgħu titkellem, jiġifieri l-vuċi figurattiva, u l-poeta li ħoloq il-poeżija (Culler, *Literary Theory* 75). Skont John Stuart Mill, il-poeżija lirika hija espressjoni li nisimgħuha b'kumbinazzjoni (f'Culler, *Literary Theory* 76). Meta nissemmgħu din l-espressjoni li tiġbdilna l-attenzjoni, ġeneralment nispiċċaw nimmaġinaw jew nibnu mill-ġdid lill-kelliem jew kelliema u l-kuntest: nidentifikaw it-ton tal-vuċi, niddeċiedu l-qagħda, is-sitwazzjonijiet, it-tħassib u l-attitudnijiet tal-persuna li qed titkellem (kultant dawn jingħaqdu ma' dak li diġà nafu fuq l-awtur jew l-awtriċi, imma mhux spiss). Għal-lirika dan kien l-approċċ dominanti fis-seklu għoxrin. Ġustifikazzjoni teoretika konċiża kienet li x-xogħlijiet letterarji huma imitazzjonijiet fittizji tad-"dinja reali," imbagħad it-tlissiniet u l-lirika huma imitazzjonijiet fittizji ta' espressjonijiet personali (*Literary Theory* 76). Vendler issostni li l-għan tal-lirika huwa li toffri lill-qarrejja

test biex jaqrawh jew jirreċitawh huma, u mhux poeżija li l-qarrejja bħallikieku ssemmgħuha jew poeżija li fiha l-poeta jew poetessa qed jitkellmu magħhom infushom, imma tlissina għalina biex inlissnuha daqslikieku kienet tagħna (f'Jackson u Prins 88). Dan jeħodna għad-diskors ta' Hegel li jistqarr li l-proċess tal-lirika huwa wieħed ta' purifikazzjoni u universalizzazzjoni. Il-lirika ssir "il-lingwa tal-ħajja ġewwiena poetika," u għalhekk, għalkemm l-għarfien u l-ħsibijiet li jiddeskrivu l-poeti huma tagħhom bħala individwi, għandu jkollhom validità universali (1112). Hemm min jgħid li dawk li jħaddmu l-lirika jesprimu tiġrib universali u jirrappreżentaw lilna lkoll, u mhux lil nies partikulari f'post u żmien partikulari (Jackson 115).

Meta nħarsu lejn il-poeżija tas-seklu 20 irridu naraw kemm minn dak li qed naqraw huwa liriku; irridu naqrawh ukoll fil-qafas tat-tradizzjoni lirika tal-Punent. Ħafna poeti tas-seklu 20 ma qablux mal-mudell tal-poeżija lirika li jagħti prominenza lill-effetti tal-vuċi, tal-preżenza u tal-indirizz. Dan seħħ minkejja li l-kritiċi sostnew li dawn l-effetti jiddependu minn strateġiji retoriċi u dan jaffettwa anke l-mod kif il-poeti jimmanipulaw il-lingwa (*Theory* 30).

5. Il-Lirika u l-Mużika

Għalkemm il-lirika baqgħet iżżomm l-idea li hi konnessa mal-mużika, il-ġabriet tal-kanzunetti tat-*troubadours*, ix-"*chansonniers*," ma tantx jirreferu għal akkumpanjament mużikali, u ħafna mil-lirika ma kinitx mużikali. "*A significant portion of the extant corpus of medieval lyric poetry, including the considerable body of Middle English meditative and penitential poetry from the 13th and 14th centuries, lacked musical accompaniment*" (Jirsa 27). F'din it-tradizzjoni dejjem tikber tal-lirika ma jidhirx li kien hemm l-intenzjoni li l-kliem jitkanta, imma jintuża, pereżempju, għall-meditazzjoni (Culler, *Theory* 68). Cristanne Miller tistqarr li "Fil-bidu u fin-nofs tas-seklu dsatax fl-Istati Uniti, it-terminu "lirika" kien jirreferi għal kull poeżija li ma kinitx drammatika, epika, jew narrattiva u kienet armonika jew mużikali fil-lingwa u maħsuba bħala kanzunetta" (24). Għal Oliver Friggieri, il-lirika hi poeżija li fil-qedem kienet tiġi kantata iżda li maż-żmien il-kelma tilfet it-tifsira qadima tagħha, għax illum din il-"lirika" ma tirreferi għal ebda forma poetika fissa bħalma kellha qabel ("Lirika"). Il-fatt li bosta poeżiji ta' Friggieri saru kanzunetti jikkonferma d-dimensjoni, u aktarx anki l-vokazzjoni mużikali tagħhom.

6. L-Indirizz

Minkejja li l-indirizz lill-maħbub jew lill-imħabba huma l-iktar indirizzi komuni, fil-*Canzoniere*, Petrarca jindirizza wkoll lill-qarrejja u dan it-tip ta' indirizz jevoka t-temporalità tal-lirika li mhix marbuta ma' post partikulari (Culler, *Theory* 20). Meta tinvoka jew tindirizza lil xi ħadd li mhuwiex l-udjenza vera, ngħidu aħna lil xi spirtu tan-natura, lill-muża, lil urna, jew lil xi maħbub, tkun qed tiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-avveniment tal-indirizz huwa att fih innifsu (Culler, *Theory* 187). L-iktar manifestazzjoni ċara ta' indirizz fi proċess triangulari sseħħ meta tinvoka lil indirizzati "impossibbli," bħalma huma forzi li ma narawx, bħar-riħ, jew kreaturi u affarijiet li x'aktarx mhumiex se jwieġbu, bħal iljun, dgħajsa, il-mewt, ċinju, jew l-art (Culler, *Theory* 187). Indirizz lil xi ħadd jew xi ħaġa jagħti lill-poeżija x-xeħta ta' ġrajja; iktar ma l-poeżija tkellem indirizzati mhux tas-soltu, iktar tidher li qed issir invokazzjoni ritwalistika (Culler, *Theory* 188).

Waqt li fil-poeżija internazzjonali hemm waqtiet meta l-leħen liriku jindirizza lill-imħabba nfisha, fil-lirika Maltija dan mhuwiex indirizz komuni. Wieħed mill-eżempji l-iktar prominenti ta' dan it-tip ta' indirizz jidher fil-lirika tal-grupp mużikali Brikkuni, li fil-kanzunetta "Rub al Khali," jindirizza lill-imħabba fl-ewwel vers tal-album li jġib l-istess isem bil-kliem, "Imħabba, aħfirli." Fil-qofol tiegħu, dan it-tielet album huwa dwar relazzjoni ta' mħabba li spiċċat u l-impressjoni qawwija li tingħata hi li minflok il-kelma "Imħabba" fl-ewwel vers setgħet faċilment intużat il-kelma "maħbuba." Għalhekk waħda mill-indikazzjonijiet hi li l-"imħabba" ppersonifikata hija bħal "verżjoni" lirika ta' "maħbuba," imma hemm effetti oħrajn li trid tqishom fil-kuntest tal-kanzunetta u tal-album kollu, bħalma hi d-distanza tal-leħen liriku mill-imħabba minħabba d-diffikultà li jsib ruħu fiha quddiemha.

Indirizz lis-semmiegħa jew lill-qarrejja jista' jidher bħala l-mudell ewlieni tal-komunikazzjoni diretta fil-lirika. Madankollu, din hija xi ħaġa rari ħafna fil-poeżija, għaliex ironikament l-indirizz tal-lirika ġeneralment huwa indirett. Iktar ma l-poeżija titkellem dwar is-sentimenti jew l-esperjenzi tal-"int," iktar tikkumplika ruħha s-sitwazzjoni tal-indirizz, għax "*'you' is figured in ways not so easily identified with a reader*" (Culler, *Theory* 91): mhux lakemm ngħidu li l-figura li qed tindirizza l-vuċi lirika hija l-qarrej jew il-qarrejja. Għalkemm Culler jgħid li indirizz dirett lill-udjenza huwa rari, Ralph Johnson isostni li ladarba l-lirika li ntirtet mill-Griegi kienet titkanta lill-udjenza, kien hemm kemm "int"

kif ukoll "jien," jiġifieri kien hemm kelliem/a jew kantant/a li qed tkellem jew tkanta lil persuna jew persuni oħra (34). Skont Ralph Johnson il-lirika Griega "hija inaċċessibbli għalina" (25). Madankollu, il-korpus eżistenti li għandna "*certainly challenges the idea that the Greek lyric is characteristically framed as direct address to the audience that would have heard it*" (Culler, *Theory* 199). Il-ftit eżempji ta' indirizz dirett lill-udjenza li għandna minn żmien il-Griegi, mhumiex biżżejjed biex juru li n-norma għall-Griegi kienet li fil-lirika jindirizzaw direttament lill-udjenza. Waħda mill-aktar strutturi prominenti tal-lirika li tidher fil-lirika Griega l-qadima u f'kull perjodu tal-lirika moderna, hi "*the triangulation whereby a speaker ostensibly addresses a beloved, as a way of speaking indirectly to the audience*" (*Theory* 201). Ralph Johnson jissuġġerixxi li l-persuna indirizzata hija metafora għall-qarrejja tal-poeżija u ssir medjatriċi simbolika ("*a conductor*") bejn il-poeta u kull wieħed u waħda mill-qarrejja u s-semmiegħa tiegħu (3). Għalhekk, f'dan il-każ, il-fenomenu mhuwiex dak ta' indirizz lill-udjenza imma ta' "*indirection, as in address to a goddess or an urn*" (*Theory* 201). Avolja l-persuna indirizzata hija metafora tal-qarrejja jew tas-semmiegħa, fl-aħħar mill-aħħar mhuwiex indirizz dirett lill-udjenza (W.R Johnson 3). Indirizz liriku lill-maħbub jew lill-maħbuba joħloq ġrajja fil-mument tal-indirizz li fiha wieħed jixxennaq għall-maħbuba, jew ifaħħarha, jew inkella jilmenta dwar in-nuqqas ta' rispons tagħha. Dan jippermetti espressjoni iktar qawwija tas-sentimenti, mhux bħala xi ħaġa rrakkontata mill-passat imma bħala att ta' tifħir jew tort fil-preżent jew, ħafna drabi bħala interrogazzjoni attiva tal-proċess li fih wieħed ikun involut (Culler, *Theory* 208). Ma jidher li hemm l-ebda limitu għall-firxa ta' affarijiet li għandha tindirizza l-lirika. Ngħidu aħna, Orazju jindirizza, fost l-oħrajn, lil vapur, lil siġra li tinsab fuq il-proprjetà tiegħu, lil flixkun tal-inbid, u lil-lira tiegħu (Culler, *Theory* 211).

Għal Barbara Johnson it-teknika tal-apostrofi hija meta kelliem fl-ewwel persuna jindirizza persuna assenti, mejta jew inanimata b'mod dirett. Għaldaqstant l-apostrofi hija diretta u indiretta fl-istess ħin: fl-etimoloġija tagħha hemm is-sens li l-apostrofi tagħmel digressjoni (speċi ta' parentesi twila) mid-diskors propju. F'dan is-sens l-apostrofi timmanipula b'mod mistħajjel, narrattiv, l-istruttura tal-indirizz dirett bejn il-"jien" u l-"int." Permezz ta' dan l-indirizz mistħajjel, l-entità assenti, mejta jew inanimata ssir preżenti, animata u antropomorfika. L-apostrofi hija tip ta' ventrilokwiżmu, li permezz tiegħu l-kelliem jew kelliema jagħtu leħen, ħajja u forma umana lil dak li qed jindirizzaw u jbiddlu s-silenzju

tagħhom f'ħila li jirreaġixxu minnufih u b'mod pożittiv u fl-istess ħin mingħajr ma jinstemgħu (Barbara Johnson 185). L-apostrofi mhix bħan-narrattiva għaliex l-"issa" mhuwiex mument f'sekwenza temporali imma "issa" speċjali tad-diskors, l-issa tal-att tal-kitba u tat-tlissina poetika. Din it-temporalità tad-diskors bilkemm nifhmuha, u diffiċli naħsbu fuqha, imma jidher li hi waħda mill-affarijiet li lejha tersaq il-lirika, "*that iterable time when language can say 'now'*" (Culler, *Theory* 229).

Culler iqis l-indirizz indirett bħala struttura ċentrali tal-lirika u jistagħġeb kif din ma ġietx aċċettata aktar, għax biex tindirizza lil xi ħadd b'mod dirett m'għandekx bżonn poeżija (*Theory* 243). Dejjem ikun hemm "int" indirett fil-lirika; ħafna drabi dik l-"int" hi l-"int" tal-maħbub jew maħbuba, ta' Alla, tar-riħ, jew tal-fjura. Imma kultant dik l-"int" mhix figura identifikabbli: tibqa' hemm bħala "*a spectral presence, a yearning, something like love*" (Culler, *Theory* 243), preżenza, xewqa, jew ħjiel ta' mħabba.

7. Konklużjoni

Il-karatteristiċi ewlenin tal-lirika li identifikajt f'dan l-istudju huma dawn: (1) il-lirika hija l-mod stramb kif nindirizzaw lil elementi astratti jew inanimati bħall-ħin, ir-riħ, u s-siġar, u lil persuni li mhumiex preżenti, u nitolbuhom biex jagħmlu xi ħaġa partikolari; (2) il-lirika toffri kontrapunt ta' vuċijiet permezz tad-djalogu; (3) il-poeżija lirika hija espressjoni li aħna l-qarrejja nissemmgħu bħallikieku b'kumbinazzjoni u mbagħad wara li nissemmgħu nispiċċaw nibnu mill-ġdid f'moħħna lill-kelliem jew kelliema lirika u l-kuntest; (4) il-lirika tintuża wkoll bħala att performattiv li Culler isejjaħlu indirizz triangulari, jiġifieri l-vuċi tkellem lis-semmiegħa permezz ta' indirizz apostrofiku lil qawwa mhux preżenti; u (5) il-proċess tal-lirika huwa wieħed ta' purifikazzjoni u universalizzazzjoni. Uħud minn dawn il-karatteristiċi tal-lirika jispikkaw fil-poeżija ta' Oliver Friggieri li toffri l-possibilità li nindirizzaw lil persuni mhux preżenti u t-talba biex il-figuri indirizzati jagħmlu xi ħaġa partikolari jew mhux tas-soltu. F'"Ħarstek Vjola Tkanta" u "Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel" il-vuċi lirika tindirizza figura misterjuża, li l-indikazzjonijiet f'dawn iż-żewġ poeżiji huma li hija femminili u tintalab tagħmel għadd ta' affarijiet partikolari. Karatteristika oħra li spikkat hi li l-leħen jipprova joħloq djalogu u li aħna l-qarrejja nissemmgħu dan id-djalogu bħal dak li jseħħ fil-poeżiji "Pellegrin Distratt," "Iss' Inti l-Istaġun il-Ġdid," "F'Misraħ il-Parlament," u "Il-Poeta u l-Politiku."

It-temporalità tal-lirika hi wkoll karatteristika li spikkat minħabba li f'ċerti poeżiji Friggieri jindirizza lill-qarrejja u għalhekk il-poeżija ma tkunx marbuta ma' post jew żmien partikolari. Din it-temporalità tfeġġ, fost l-oħrajn, f'"Karin u Raymond" u "Fil-Bar tal-Kantuniera". F'"Karin u Raymond" il-qarrejja jħossu li qegħdin jiġu indirizzati minn dawn iż-żewġ żgħażagħ, li aktarx fuq din l-art lanqas kienu jafu lil xulxin imma l-vuċi tgħaqqadhom f'komunjoni; min-naħa l-oħra, fl-aħħar strofa tal-poeżija "Fil-Bar tal-Kantuniera" l-vuċi tindirizza lill-qarrejja u tħeġġiġhom biex jixorbu "sa ma jiskru." Fil-poeżiji ta' Friggieri tidher ukoll l-universalità, għaliex il-kelliem ileħħen it-tiġrib emottiv personali imma fl-istess waqt ikun qiegħed ileħħen tiġrib universali. Għalhekk aħna l-qarrejja nlissnu t-tlissina daqslikieku kienet tagħna.

Biblijografija

Abrams, M.H., u Geoffrey Harpham. *A glossary of the Literary Terms*. L-10ar edizzjoni.. Lyn Uhl, 2012.

Abrams, M. H. *The Mirror and the Lamp: Romantic Theory and the Critical Tradition*. Oxford UP, 1971.

Blair, Walter u W.K. Chandler. *Approaches to Poetry*. NY Appleton, 1953.

Briffa, Rużar. Intervistat minn Ġużè Aquilina, 1962. Aċċessat fit-12 ta' Novembru 2019.

Brown, Marshall. "Negative Poetics: On Skepticism and the Lyric Voice." *Representations* Vol. 86. pp 120-140. University of California Press, 2004.

Culler, Jonathan. *Literary Theory: A Very Short Introduction*. It-2ni edizzjoni. Oxford UP, 2011.

---. Theory of the Lyric. Harvard UP, 2017.

De Man, Paul. "The Lyrical Voice in Contemporary Theory." *Lyric Poetry Beyond New Criticism,* editjat minn Chaviva Hosek u Patricia Parker, Cornell University Press, 1985.

Friggieri, Oliver. "Lirika." Dizzjunarju ta' Termini Letterarji. Ir-raba' ed. Klabb Kotba Maltin, 2010.

Grossman, Allen. *The Sighted Singer: Two Works on Poetry for Readers and Writers*. Johns Hopkins UP, 1991.

Hegel, G.W.F. *Hegel's Aesthetics*. Tradott minn T.M Knox, Oxford UP, 1975.

Jackson, Virginia u Yopie Prins, edituri. *The Lyric Theory Reader: A Critical Anthology*. Johns Hopkins UP, 2014.

Johnson, Barbara. "Apostrophe, Animation, Abortion." *A World of Difference*, pp. 184-199. The Johns Hopkins UP, 1989.

Johnson, Ralph.W. *The Idea of Lyric: Lyric Modes in Ancient and Modern Poetry*. University of California Press, 1982.

Miller, Cristanne. *Reading in Time, Emily Dickinson in the Nineteenth Century*. University of Massachusetts Press, 2012.

Wordsworth, William u Samuel Coleridge. *Lyrical Ballads: 1798 and 1800*, editjat minn Michael Gamer u Dahlia Porter, Broadview Press, 2008.

Zettelmann, Eva Müller. *Lyrik und Metalyrik*. Universitätsverlag Winter, 2000.

Zillman, Lawrence. *The Art and Craft of Poetry*. NY Macmillan, 1966.

Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat

Student:
Franklyn Baldacchino

Tuturi:
Prof. Albert Borg u Dr George Farrugia

1. Daħla

F'dan l-artiklu nistħarreġ diversi kunċetti lingwistiċi, pereżempju, il-prinċipju tal-qlib tal-kodiċi, il-Malti Kontemporanju u kif dan tal-aħħar huwa distint mill-Malti Ingliż Imħallat. Nanalizza d-diskors li jingħad fuq xi programmi televiżivi permezz tal-kwestjonarju li tajt lil diversi informanti skont varjabbli soċjolingwistiċi differenti: is-sess, l-età u l-livell edukattiv.

2. Ħarsa lejn xi Termini Lingwistiċi

2.1 Il-Qlib tal-Kodiċi

Ħafna studjużi tas-soċjolingwistika jaqblu mat-tifsira tal-qlib tal-kodiċi li jagħtu Heller (1988) u Myers-Scotton (1993) bħala l-użu ta' aktar minn lingwa waħda f'konverżazzjoni waħda. Auer (1998) iwessa' t-tifsira tal-qlib tal-kodiċi billi jżid li persuna tista' taqleb il-kodiċi mhux bilfors minn lingwa għal oħra fl-istess taħdita iżda wkoll minn djalett, minn reġistri prosodiċi u paralingwistiċi, ngħidu aħna persuna tkun qiegħda titkellem bil-Malti Standard u taqleb għad-djalett ta' Ħal Qormi. Wei (1998) jinnota li għandhom jiġu kkunsidrati tliet fatturi kuntestwali meta wieħed janalizza l-qlib tal-kodiċi f'ambjent partikolari li huma: ir-relazzjoni bejn il-kelliema, l-ambjent fejn qiegħda sseħħ il-komunikazzjoni u s-suġġett li qiegħed jiġi diskuss.

2.2 Is-Self Lingwistiku

Fil-lingwistika nużaw it-terminu 'self' għax lingwa mhux kliem biss tissellef, iżda ħsejjes, regoli fonoloġiċi, morfemi, mudelli sintattiċi, assoċjazzjonijiet semantiċi, u l-bqija (Spagnol, 2008). Bħal kull lingwa oħra, il-Malti għandu bżonn in-neoloġiżmi biex ikompli jikber u jissaħħaħ. Kienet din it-taħlita ta' tipi differenti ta' self li tħaddmet bil-għaqal u b'suċċess biex għandna kliem u espressjonijiet li ngħaqdu mal-kumplament tal-vokabularju Malti u jinftiehmu mill-Maltin kollha (Mifsud, 2008). Ħafna min-neoloġiżmi llum ġejjin mill-Ingliż, iżda dari dawn in-neoloġiżmi kienu jiġu missellfa mit-Taljan. Fil-kuntest Malti, l-Ingliż huwa l-ilsien li jsellef għax qiegħed isellef il-kliem u l-Malti huwa l-ilsien li jissellef għax qiegħed jirċievi mill-Ingliż.

Skont Spagnol (2008) l-Angliċiżmi huma dawk "l-elementi lingwistiċi ġejjin mill-Ingliż li meta l-kelliema jużawhom ma jħossuhomx ta' lingwa oħra, barranin għal-lingwa tagħhom, imma jħossuhom komponenti tal-vokabularju Malti" (Spagnol, 2008: 240). Il-Maltin ħassew li kellhom bżonn jintroduċu l-kelma 'mowbajl' għax fir-ripertorju lessikali ma kellniex kelma ekwivalenti għall-kelma 'mowbajl' u għalhekk dan huwa eżempju ċar ta' self. Tant hu hekk li probabbilment anke persuna ta' ftit skola kapaċi tuża l-kelma 'mowbajl' u għalhekk dan jappartjeni għall-Malti Kontemporanju.

Axiaq (2008) jenfasizza d-distinzjoni li għandha ssir bejn it-trasferiment pożittiv u t-trasferiment negattiv. Bis-saħħa tat-trasferiment pożittiv, l-ilsien Malti jkompli jistagħna għax bih jiddaħħal kliem li ma jkollniex u li

eventwalment jista' jingħatalu libsa ortografika Maltija. Min-naħa l-oħra, it-trasferiment negattiv joħnoq dak li huwa eżistenti u li għadu ħaj ('nappy' flok 'ħarqa', 'shark' flok 'kelb il-baħar', 'iwwoċċja' flok 'ra', 'ibbrestfidja' flok 'redda'', 'ibbildja' flok 'bena', u 'ixxejvja' flok 'qaxxar'. Madankollu, irridu noqogħdu attenti għax xi drabi kelma Ingliża tieħu tifsira differenti meta tkun użata f'kuntest ieħor (ara Tabella 1). F'dan il-każ il-kelma titqies bħala żvilupp pożittiv.

Tabella 1: Kliem użat f'kuntesti differenti

Kelma Ingliża	Kuntesti differenti		Verżjoni korretta
ibbejkja	L-isprejer ibbejkja l-vettura.	✔	
	Il-furnar ibbejkja l-ftajjar.	✘	Il-furnar ħema l-ftajjar.
immiksja	Id-DJ immiksja l-mużika.	✔	
	Il-kok immiksja t-taħlita.	✘	Il-kok ħallat it-taħlita.
issejvja	Toni ssejvja d-dokument fil-pendrive.	✔	
	Pietru ssejvja t-tappijiet tal-plastik.	✘	Pietru ġemma' t-tappijiet tal-plastik.

Farrugia (1998) jgħid li teoretikament huwa possibbli li noħolqu neoloġiżmi minn għeruq Semitiċi jew minn zkuk Rumanzi biex inwessgħu t-tifsira ta' kliem eżistenti. B'dan il-mod inkunu nistgħu rrażżnu l-influss qawwi ta' kliem Ingliż fil-Malti speċjalment fid-diskors (Farrugia, 1998). Fl-istess ħin ifakkarna li l-lingwa m'għandhiex tiġi sfurzata fuq il-poplu, iżda għandha tiżviluppa u tevolvi kemm jista' jkun b'mod naturali. Fl-opinjoni tiegħi, għandna nsibu t-triq tan-nofs; ma għandniex nerġgħu nqajmu xi kelma arkajka li ma għadhiex f'fomm il-Maltin meta għandna kelma Ingliża li diġà ndrat mill-Maltin, iżda lanqas ma għandna ndaħħlu bl-addoċċ kliem Ingliż bl-iskuża li l-Malti ma jaqdiniex jew għax tkun l-ewwel kelma li tiġina f'moħħna dak il-ħin, speċjalment meta niġu għall-kitba.

2.3 Il-Malti Ingliż Imħallat

Borg (1988) u Sciriha (1994) osservaw li l-Malti Ingliż Imħallat jidher li huwa prominenti f'fomm iż-żgħażagħ, speċjalment dawk li għandhom livell ta' edukazzjoni terzjarja. Fil-fehma ta' Sciriha (1994) il-Malti Ingliż Imħallat issibu l-aktar f'fomm in-nies li rari jitkellmu bil-Malti jew bl-Ingliż kompletament mal-qraba u mal-ħbieb. Madankollu, Borg (1988) hu preokkupat li din il-varjetà mħallta mhijiex biss akkwistata bħala lsien nattiv iżda qiegħda tiżviluppa bħala djalett soċjali għaliha fit-tfal. Naqbel ma' Briffa (1994) meta jgħid li meta l-ġenituri jkellmu lil uliedhom bil-Malti Ingliż Imħallat, it-tfal ikunu qegħdin jiġu mċaħħda miż-żewġ ilsna għaliex ikunu qegħdin jiġu esposti għal taħdit imfarrak, mimli interferenzi minn ilsien għal ieħor. Għal diversi lingwisti, bħal Borg u Sciriha, din il-varjetà titqies bħala theddida għall-iżvilupp tal-Malti, iżda min-naħa l-oħra, Gumperz (1971) u Bonanno (2007) jirrikonoxxu li l-qlib tal-kodiċi huwa proċess naturali għat-tfal bilingwi għax it-tfal ikunu qegħdin isegwu d-diskors tal-adulti. Spiteri (1988) u Sciriha (1994), min-naħa l-oħra, jikkummentaw li l-qlib tal-kodiċi huwa kawża ta' nuqqas ta' prattika f'lingwa partikolari jew inkella jseħħ minħabba għażż mentali.

2.4 Il-Malti Kontemporanju

Qabelxejn, irridu nqisu li lsienna ilu għaddej minn proċess importanti ta' żvilupp biex jiddaħħal kliem speċjalizzat, pereżempju lessiku marbut mat-teknoloġija u x-xjenza, biex il-Malti jaġġorna ruħu. Ħafna mill-kliem meqjus bħala Malti Kontemporanju huwa marbut mal-apparat teknoloġiku li nsibu fid-dar, eż. 'microwave', 'cooker', 'heater', 'air conditioners' u 'vacuum cleaner'; mal-partijiet tal-karozza, eż. 'steering', 'wipers', 'bonnet', 'windscreen', 'clutch' u 'bumper'; mal-informatika, eż. 'monitor', 'tower', 'keyboard', 'mouse', 'internet', 'software' u 'database' u kliem marbut mal-isports, eż. 'referee', 'ground', 'penalty', 'player' u 'goal' illum jitqies bħala Malti Kontemporanju. Dan jista' jingħad ukoll għall-kliem marbut mal-ġeneri tal-mużika, eż. 'pop', 'ballad', 'disco', 'jazz', 'rap' u 'country' u mal-ħwejjeġ, eż. 'blazer', 'jersey', 'shorts', 'T-shirt' u 'jeans'. Madankollu, irridu nkunu prattiċi meta niġu biex niddistingwu l-Malti Kontemporanju mill-Malti Ingliż Imħallat. Għalkemm għandna l-forma Maltija 'tarbija' għal 'baby', xorta waħda l-maġġoranza tal-kelliema Maltin jużaw 'baby' u għalhekk nistgħu ngħidu li infiltrat fil-Malti u hawn naqbel ma' Borg (2016) li nistgħu nqisuha bħala Malti Kontemporanju.

3. Il-Metodoloġija

3.1 L-Għażla tal-Metodu għal dan l-Istudju

Il-kwestjonarju kien l-aħjar metodu biex stajt niġbor id-data kwantitattiva b'mod oġġettiv u xjentifiku. Għall-kwestjonarju kelli 160 informant li kienu maqsumin skont il-varjabbli soċjolingwistiċi li għażilt li nistudja: l-età, is-sess u l-livell ta' edukazzjoni li għandhom ir-rispondenti. Peress li Borg (2016) għażlet l-istazzjon tat-TVM, kienet deċiżjoni tiegħi li nagħżel l-istazzjon ta' Net Television biex b'hekk il-programmi li nagħżel ma jkunux l-istess bħal tagħha. Wara għażilt il-programmi li se nkun qiegħed nistħarreġ mil-lat lingwistiku; *Replay* (programm dwar l-isports), *Akila* (programm dwar il-moda) u *Mirja* (programm dwar is-saħħa mentali).

3.2 Ir-Rispondenti tal-Kwestjonarju

Il-parteċipanti fil-kwestjonarju, li jaqgħu taħt kategoriji differenti, ingħataw diversi sentenzi li ħadt minn diskorsi ta' diversi preżentaturi ta' programmi differenti. Wara li spjegajtilhom id-differenza bejn iż-żewġ realtajiet tal-Malti Kontemporanju u l-Malti Ingliż Imħallat, kellhom jindikawli liema sentenzi, fil-fehma tagħhom, huma bil-Malti Kontemporanju jew bil-Malti Ingliż Imħallat. Meta ġbart l-informazzjoni analizzajt jekk l-ewwel nett għarfux jagħmlu distinzjoni bejn iż-żewġ realtajiet u barra minn hekk, jekk varjabbli soċjolingwistiku partikolari affettwax il-ġudizzju tal-informanti.

3.3 Il-Varjabbli Soċjolingwistiċi

Skont Borg (1988), is-sess huwa aspett relevanti fis-soċjolingwistika. Fil-fatt, f'wieħed mill-istudji tiegħu sab it-tendenza li "n-nisa li jafu żewġ varjetajiet jużaw iktar il-Malti Standard milli d-djalett, waqt illi l-irġiel li huma wkoll jafu żewġ varjetajiet jużaw iktar id-djalett mill-Malti Standard" (Borg, 1988, pp. 12-13). B'mod ġenerali jidher li n-nisa huma lingwistikament aktar progressivi mill-irġiel. Minkejja dan, Sciriha (1994) ipprovdiet evidenza li s-sess bħala fattur ma tistax tikkunsidrah waħdu iżda trid tqisu flimkien mal-età. B'hekk kien utli li nagħżel ukoll il-fattur tal-età. Min-naħa l-oħra, l-etajiet li kont se nikkunsidra frixthom sew biex ir-riżultati jkunu verament rappreżentattivi tal-etajiet. Dan għaliex il-lingwaġġ taż-żgħar (li għandhom bejn 18 u 30 sena) x'aktarx ivarja mil-lingwaġġ ta' dawk li għandhom aktar minn 55 sena. Apparti dawn iż-żewġ varjabbli

ddeċidejt li nikkunsidra l-livell edukattiv għaliex f'diversi xogħlijiet u studji (eż. Sciriha, 1994) irriżulta li l-livell tal-edukazzjoni jaffettwa l-frekwenza tal-qlib tal-kodiċi fit-taħdit. Minħabba l-fatt li kemm fl-Università kif ukoll fil-livell postsekondarju (eż. Junior College, Giovanni Curmi Higher Secondary School, MCAST) l-istudenti huma aktar esposti għall-Ingliż, aktarx kont nistenna li jużaw aktar il-qlib tal-kodiċi. Għalhekk, kont nistenna li rispondent li jkun kompla jistudja wara s-sekondarja jagħżel sentenza, (li skont il-lingwisti hija b'Malti Ingliż Imħallat) u jiġġudikaha bħala Malti Kontemporanju għax tant kemm juża l-Ingliż waqt il-lekċers li ma jagħmilx distinzjoni bejn il-Malti Kontemporanju u l-Malti Ingliż Imħallat, speċjalment jekk l-informant innifsu jitkellem bil-Malti Ingliż Imħallat. Għalkemm ma kkunsidrajtx il-ġeografija fl-analiżi tiegħi, xorta waħda t-tentattiv tiegħi kien li nagħżel parteċipanti minn kull naħa ta' Malta biex b'hekk il-kampjun ikun rappreżentattiv kemm jista' jkun.

4. L-Analiżi

Eżaminajt xi kriterji ta' natura soċjolingwistika, lessikografika u morfosintattika, li setgħu kienu utli biex nanalizza l-kliem Ingliż impoġġi fis-sentenzi li ġew mogħtija lir-rispondenti. L-osservazzjonijiet jidhru fit-taqsimiet li ġejjin.

4.1 Il-Karatteristiċi tal-Malti Kontemporanju

Xi kliem, minkejja li huwa Ingliż, ma jistax jitqies bħala Malti Ingliż Imħallat, primarjament għax ma jkollniex kelma Maltija ekwivalenti għall-kelma Ingliża. Fir-reġistru tal-football x'aktarx li ma tkunx teżisti kelma nattiva li tikkorrispondi għall-kelma Ingliża u għalhekk nużaw il-kelma missellfa, pereżempju: 'goals', 'corner', 'football', 'player', 'penalty', 'referee', 'league', 'ground' u 'coaches'. B'mod ġenerali, il-lessiku marbut mal-football tqies bħala Malti Kontemporanju kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel, miż-żgħar u mill-kbar u anke minn dawk li għandhom edukazzjoni sekondarja u li komplew l-istudji tagħhom f'livell terzjarju. Hemm ukoll xi kliem marbut mad-dinja tal-moda, ngħidu aħna: 'make-up', 'eye-shadow', 'moisturiser', il-kulur 'mustard' u 'highlights' li jkollna nużawh ladarba ma għandniex kliem Malti minfloku.

4.2 Il-Karatteristiċi tal-Malti Ingliż Imħallat

Huwa veru li l-Malti xi drabi ma jaqdiniex f'ċertu lessiku u b'hekk irridu nużaw il-kelma missellfa mill-Ingliż, pereżempju kliem marbut mad-

dinja teknoloġika u tal-informatika, mal-isports u mal-ħwejjeġ, imma jekk forsi naħsbu ftit, nindunaw li teżisti xi kelma jew frażi Maltija li nistgħu nużaw minflok l-Ingliża. Barra minn hekk, meta nkunu qegħdin nużaw il-forma Maltija, inkunu qegħdin nikkonservaw il-kliem Malti biex ma jintilifx. Pereżempju nistgħu ngħidu 'tibdila' minflok 'outfit', 'dehra' minflok 'look', u 'disinjaturi' minflok 'designers'. Għal ċertu kliem marbut mal-partijiet tal-ġisem, nistgħu nużaw il-forma Maltija, ngħidu aħna 'ħuġbejn' minflok 'eyebrows', 'sider' minflok 'bust', 'qadd' minflok 'waist', 'ġenb' minflok 'hip'. Għal ċertu kliem marbut mas-saħħa mentali tista' tintuża l-kelma/frażi Maltija minflok il-forma Ingliża, ngħidu aħna 'waħdu' jew 'solitarju' minflok 'lonely', 'programm ta' riabilitazzjoni' minflok 'rehabilitation programme', 'terapija tal-familja' minflok 'family therapy', 'fejqan mill-ġdid' minflok 'recovery' u 'anzjuż' jew 'ibati mit-tensjoni' minflok 'tensed'.

4.3 Verbi Ingliżi b'inflessjoni Maltija

Kważi kull verb Ingliż li jiddaħħal fil-Malti jiġi addattat morfoloġikament. Kull verb mill-Ingliż jista' jiġi konjugat anke jekk diġà għandna verb ekwivalenti għalih bil-Malti. Però l-kelliema kienu kapaċi jagħmlu differenza bejn zkuk verbali li huma meħtieġa u dawk li nistgħu ngħaddu mingħajrhom. Jien analizzajt il-verbi mil-lat taz-zkuk verbali, skont il-ġudizzju tal-kelliema. Pereżempju, iz-zkuk '-skor-' u '-ddrillja-' fil-fehma tal-informanti huma neċessarji fil-Malti għax ma għandniex verbi li għandhom l-istess tifsira bħalhom. Minflok iz-zokk '-approwċja-' jista' jintuża l-verb 'avviċina'. Iz-zokk '-impruvja-' huwa komuni ħafna fit-taħdit, tant li ħafna jippreferu jużaw lilu milli l-verb 'tejjeb'. Fl-opinjoni tiegħi, iz-zokk '-ttargitja-' huwa ta' ħsara għall-Malti speċjalment għax fil-Malti għandna l-verb ekwivalenti 'immira' jew fil-każ tas-sentenza *Il-mediċina se tittargitja s-sintomi tad-dipressjoni*, nippreferi nuża 'intenzjonata biex tikkura'.

4.4 Il-kuntest tal-kelma

Għall-ewwel darba fl-istudju tas-soċjolingwistika tal-Malti, dan ix-xogħol wera korrelazzjoni pjuttost ċara bejn il-kuntest tal-kelma u l-ġudizzju tal-informant f'dan il-qasam. Skont ir-riżultati, il-kelliema għamlu distinzjoni bejn il-kliem li ntuża f'kuntesti differenti. Pereżempju l-160 informant qiesu l-kelma 'goals' (fil-kuntest tal-isports) bħala Malti Kontemporanju iżda 'goals', fis-sentenza *Il-goals ta' dan it-taħriġ huma li jagħmlu l-ħbieb u jintegraw fis-soċjetà,* aktar minn 65% tar-rispondenti qisuha bħala

Malti Ingliż Imħallat. Dan għaliex għandna l-kelma Maltija 'għanijiet' li tista' tintuża minflok 'goals'. Mit-tweġibiet tal-kelliema jidher li ddistingwew in-nom 'mustard' (il-kulur) mill-'mustard' (il-mustarda li tittiekel). Fil-fatt, aktar minn 85% tar-rispondenti aċċettaw il-kulur 'mustard' bħala Malti Kontemporanju iżda min-naħa l-oħra aktar minn 80% tal-kelliema kkunsidraw 'mustard' (li tiekol) bħala taħlita ta' Malti u Ingliż speċjalment dawk li waqfu jistudjaw sas-sekondarja. Għall-kelma 'penalty' (marbuta mal-isport), il-160 informant aċċettawha bħala Malti Kontemporanju iżda ma nistgħux ngħidu l-istess għall-istess kelma użata fis-sentenza *Il-pulizija tani penalty għax ħriġt iż-żibel qabel suppost* għax ftit aktar minn 85% qisuha bħala Malti Ingliż Imħallat, speċjalment dawk li waqfu jistudjaw sas-sekondarja. Dan għaliex f'dan il-kuntest għandna l-kelma 'ċitazzjoni' li tista' toqgħod tajjeb minflokha f'dan ir-rigward. F'xi kuntesti simili jingħad ukoll il-kliem: 'multa', 'penali' u 'penalità'.

4.5 L-impjieg tal-kelliema

L-impjieg tar-rispondenti seta' affettwa t-tweġibiet tagħhom. Tant hu hekk, li xi beauticians jużaw ta' spiss il-verb 'jixxejpjaw' u għalhekk kien hemm min ikkunsidra dan il-verb bħala Malti Kontemporanju. Għal dawk in-nies li jaħdmu fil-qasam tal-moda u tal-ħjata, huwa normali li jużaw lessiku Ingliż marbut ma' dan ix-xogħol u b'hekk huwa naturali għalihom li jikkunsidraw dan il-kliem bħala Malti ta' żmienna. Dan japplika wkoll għat-tobba u l-ispeċjalisti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa għaliex ħafna drabi jużaw il-kelma jew il-frażi Ingliża meta jikkomunikaw mal-kollegi jew mal-pazjenti tagħhom.

4.6 Tqabbil bejn l-oqsma semantiċi differenti

It-termini mir-reġistru tal-isports kienu fost l-aktar elementi li ġew aċċettati mill-informanti tal-kwestjonarju bħala Malti Kontemporanju, għaliex il-biċċa l-kbira ta' dan il-kliem ma għandniex kliem ekwivalenti għalih fil-Malti għajr forsi 'first division' u 'highlights'. Fil-qasam tal-moda, diġà beda jinfiltra kliem Ingliż. Hemm kliem Ingliż li neħtiġuh speċjalment jekk ma għandniex kelma li taqdina fil-Malti, iżda hemm kliem ieħor li nistgħu ngħaddu mingħajru. Dan rajtu fit-tweġibiet li taw l-informanti tal-kwestjonarju, pereżempju aċċettaw diversi kliem (li qisuh Malti Kontemporanju) bħal 'make-up', 'eye-shadow', 'moisturiser', 'catwalk' u 'highlights' (tax-xagħar) iżda mill-banda l-oħra, ċerti kelliema rreżistew xi kliem ieħor għax ħassew li qiegħed

idgħajjef il-Malti, pereżempju: 'look', 'nimmexerjaw', 'nixxejpjaw', 'flat-chested' u 'pear-shape'. Peress li l-għarfien favur is-saħħa mentali huwa pjuttost reċenti, il-kelliema rreżistew xi kliem minn dan il-qasam, ngħidu aħna 'recovery', 'tensed' u 'lonely' imma l-maġġoranza aċċettaw kliem, bħal 'depression', 'stigma' u 'counsellors'.

4.7 Il-Kliem Missellef skont is-Sess

Ma jidhirx li kien hemm differenzi kbar fit-tweġibiet li ngħatajt mill-informanti ta' sess differenti. Però t-tendenza hi li kien hemm aktar nisa li aċċettaw ċertu kliem missellef mill-Ingliż bħala Malti Kontemporanju milli Malti Ingliż Imħallat f'dak li għandu x'jaqsam mal-moda u s-saħħa mentali. Naturalment, peress li l-qasam tal-moda huwa tipikament assoċjat man-nisa, kien mistenni li n-nisa se jkunu aktar familjari ma' dan il-kliem Ingliż u jikkunsidrawh bħala Malti ta' Żmienna. Min-naħa l-oħra, il-lessiku missellef li għandu x'jaqsam mal-qasam sportiv aktarx jintuża aktar mill-irġiel milli min-nisa.

4.8 Il-Kliem Missellef skont Ġenerazzjonijiet Differenti

Id-differenza bejn ir-riżultati miksuba mill-informanti ta' etajiet differenti kienet waħda minima. Fil-qasam tal-isports u tal-moda kien hemm xebh bejn ir-risposti mogħtija miż-żewġ ġenerazzjonijiet differenti. Madankollu, kien hemm distakk bejn it-tweġibiet li tawni r-rispondenti l-kbar u dawk żgħar f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa mentali.

4.9 Il-Kliem Missellef skont il-Livell Edukattiv

Kont nistenna li l-informanti li għandhom edukazzjoni terzjarja kienu se jqisu xi kliem Ingliż li diġà għandna kliem ekwivalenti għalih fil-Malti bħala Malti Kontemporanju. Għal xi kliem tekniku, pereżempju dak marbut mas-saħħa mentali kienu lingwistikament aktar progressivi u aċċettawh bħala Malti Kontemporanju. Min-naħa l-oħra, l-informanti li waqfu jistudjaw sas-sekondarja kienu aktar konservattivi u xi kliem u frażijiet Ingliżi li ilhom li daħlu fil-Malti qisuhom bħala Malti Ingliż Imħallat. Però, mhux l-istess jista' jingħad għall-kliem marbut mal-qasam tal-isports li, forsi għax huwa aktar komuni fit-taħdit tal-Maltin, tqies bħala Malti Kontemporanju mqar mill-maġġoranza tal-informanti li waqfu jistudjaw sas-sekondarja.

5. Għeluq

Il-Malti Kontemporanju normalment jiġbor fih kliem tekniku marbut ma' oqsma bħat-teknoloġija u

l-informatika, u mal-isports, fost oħrajn. Però, f'din it-teżi ħareġ ukoll kliem ieħor marbut mal-qasam tal-moda u mas-saħħa mentali li nistgħu nqisuh bħala varjetà tal-Malti Kontemporanju. Il-Malti Ingliż Imħallat huwa varjetà pjuttost komuni fit-taħdit tal-Maltin. Fl-opinjoni tiegħi jeħtieġ li nibdew nużaw it-terminu Malti Kontemporanju jew almenu Malti Standard Modern biex b'dan it-terminu nkunu qegħdin niġbru wkoll il-kliem Ingliż ġdid li huwa indispensabbli għall-Malti. Jekk nużaw dan it-terminu, il-poplu Malti għandu mnejn isir aktar konxju li l-Malti qiegħed iwessa' l-mekkaniżmi tiegħu biex jagħmel tajjeb għal meta l-Malti ma jaqdiniex.

Biblijografija

Auer, P. “Bilingual Conversation Revisited.” F’Peter Auer (Ed.), *Code-switching in Conversation: Language, interaction and identity* (pp. 1-24). New York, NY: Routledge, 1998.

Axiaq, J. “Il-Fehmiet tal-Kontributuri.” *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Seminar fuq il-Kliem ta’ Nisel Ingliż fil-Malti* (pp. 36-40). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008.

Bonanno, K. *Children’s Use of Language and Code-switching in the Nursery School.* Teżi tal-BA (Unuri) fl-Ingliż. L-Imsida: L-Università ta’ Malta, 2007.

Borg, A. *Ilsienna - Studju Grammatikali*. Ħas-Sajjied: Penprint Ltd, 1988.

Borg, C. *Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat?* Teżi tal-BA (Unuri) fil-Malti. L-Imsida: l-Università ta’ Malta, 2016.

Briffa, C. *Il-Bilingwiżmu f’Malta*. Malta: Valletta Publishing, 1994.

Farrugia, G. “Il-Malti Lsien Imħallat.” F’Karl Borg (Ed.), *Lingwa u Lingwistika* (pp. 277-291). Klabb Kotba Maltin, 1998.

Gumperz, J. J. *Language in Social Groups*. Stanford, CA: Stanford University Press, 1971.

Heller, M. “Introduction.” F’Monica Heller (Ed.), *Codeswitching: Anthropological and Sociolinguistic Perspectives* (pp. 1-24). Berlin: Mouton de Gruyter, 1988.

Mifsud, M. “Il-Fehmiet tal-Kontributuri.” *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Seminar fuq il-Kliem ta’ Nisel Ingliż fil-Malti* (pp. 181-185). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008.

Myers-Scotton, C. *Social Motivation for Code-Switching: Evidence from Africa*. Oxford: Clarendon, 1993.

Sciriha, L. Sociolinguistic Aspects of Language Use in Malta. F’Joseph Brincat (Ed.), *Languages of the Mediterranean: substrata, the Islands, Malta: proceedings of the Conference held in Malta, 26-29 September, 1991* (pp. 314-323). L-Imsida: L-Istitut tal-Lingwistika, l-Università ta’ Malta, 1994.

Spagnol, M. “Il-Fehmiet tal-Kontributuri.” *Innaqqsu l-Inċertezzi 2: Seminar fuq il-Kliem ta’ Nisel Ingliż fil-Malti* (pp. 239-255). Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008.

Spiteri, A. *A Grammatical Analysis of Select Mixed Maltese English Features.* Teżi tal-B.Ed (Unuri). L-Imsida: l-Università ta’ Malta, 1988.

Wei, L. “The ‘why’ and ‘how’ questions in the analysis of conversational code-switching.” F’Peter Auer (Ed.), *Code-switching in Conversation: Language, interaction and identity* (pp. 156-179). New York, NY: Routledge, 1998.

L-Allomorfija fil-Malti

Student:
Raffaello Bezzina

Tutur:
Dr Michael Spagnol

1. Introduzzjoni

F'dan l-artiklu nittratta l-allomorfija fil-Malti b'referenza partikolari għall-imtenni. Wara li nintroduċi aspetti ġenerali tal-allomorfija u l-kundizzjonamenti tagħha, niddiskuti t-tipi differenti ta' varjazzjoni fiz-zokk u fis-suffiss li nsibu fil-Malti fil-kategorija tal-imtenni.

1.1. X'inhi l-allomorfija

Hemm tliet punti neċessarji li rridu nsemmu biex nifhmu x'inhi l-allomorfija u kif taħdem: a) it-tqegħid tal-allomorfija fil-qafas tal-morfofonoloġija, b) ir-relazzjoni bejn l-allomorfija u l-varjazzjoni, u ċ) is-sinkronija u d-dijakronija vis-à-vis l-analiżi allomorfika.

L-allomorfija taqa' taħt l-istudju morfofonoloġiku, għax hemm konnessjoni ċara bejn l-allomorfija u l-fergħat tal-morfoloġija u l-fonoloġija. Fil-fatt, Berg (2010) jimmetaforizza din ir-relazzjoni bħala kunflitt. Filwaqt li l-morfoloġija tippretendi element ta' konsistenza u trasparenza, il-fonoloġija tesiġi artikolazzjoni faċli. Dan il-kunflitt jista' jirrisolvi ruħu b'żewġ modi; jekk l-influwenza morfoloġika tiddomina, ma jkunx hemm allomorfija, filwaqt li jekk l-influwenza fonoloġika tippersisti, tfiġġ il-varjazzjoni morfofonoloġika (p. 33).

Rabta oħra li jagħmel Berg (2010) hija bejn l-allomorfija u l-varjazzjoni. It-tqegħid tal-allomorfija fi ħdan dan il-kunċett usa' jgħin biex issir il-konnessjoni bejn l-unitajiet kollha lingwistiċi li juru xi forma jew oħra ta' varjazzjoni. F'dan il-kuntest, Berg jagħti eżempju mill-Ingliż li jittratta l-alternanza bejn il-forom sħaħ (strong) u l-forom dgħajfin (weak) bħal fil-frażi *bread [ənd/nd/ən/n] butter* (p. 60). Ilsienna fih ukoll għadd ta' eżempji, li ma jaqgħux taħt l-allomorfija, u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala varjanti. Fost dawn insemmu l-varjanti fonetiċi-ortografiċi, bħal *ċintorin – ċinturin* u *pinnoli – pilloli*. Għalkemm fil-lingwa titfaċċa bosta drabi taħt diversi forom, Berg jargumenta li l-varjazzjoni minnha nnifisha tmur kontra prinċipju universali msejjaħ *Humboldt's Universal*. Dan il-prinċipju jirreferi għar-relazzjoni binarja li bħallikieku għandha teżisti bejn sens wieħed u forma waħda (*one meaning – one form*).

F'bosta xogħlijiet ta' natura allomorfika, spiss jiġi stipulat jekk l-analiżi hix ta' xeħta sinkronika jew dijakronika (McCarvel, 2010; Thornton, 1997 fost oħrajn). Biss, ta' min wieħed iżomm f'moħħu li dawn iż-żewġ modi ta' analiżi jistgħu jaħdmu flimkien biex jipproduċu xogħol aktar komplut. Din ir-relazzjoni hi kkonfermata minn Haspelmath u Sims (2010) li, skonthom, "f'bosta każijiet tal-allomorfija fonoloġika, huwa evidenti li r-raġuni storika għall-eżistenza tar-regola morfofonoloġika, u allura għall-allomorfija, hija li tiffaċilita l-pronunzja"[1] (p. 24).

[1] "In many cases of phonological allomorphy, it is evident that the historical reason for the existence of the morphophonological rule and thus for the allomorphy is to facilitate pronunciation."

1.2. Definizzjonijiet

Hawn taħt nippreżenta tliet definizzjonijiet li jiċċaraw il-kunċett tal-allomorfija. Għal aktar definizzjonijiet, wieħed jista' jara t-teżina tiegħi, Bezzina (2020, p. 10).

Definizzjoni	Sors
"...the variation in the phonological shape of morphemes and words..."	Booij, 2012, p. 9
"Sometimes two or more morphs which have the same meaning are in complementary distribution."	Haspelmath & Sims, 2010, p. 15
"...a situation in which a single lexical item, meaning, function, or morphosyntactic category has two or more different phonological realizations depending on context."	Paster, 2014, p. 219

Minn dawn id-definizzjonijiet u oħrajn bħalhom, joħorġu għadd ta' osservazzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala karatteristiċi bażiċi ta' dawn it-tliet termini:

- hemm rabta b'saħħitha bejn l-allomorfija u l-kunċett tal-varjazzjoni,

- l-allomorfija titlaq minn kunċett wieħed iżda tirrealizza ruħha f'żewġ morfi, jew aktar, differenti,

- spiss tissemma wkoll il-fergħa lingwistika tal-fonetika/fonoloġija; dan jikkonferma li l-istudju tal-allomorfija jaqa' taħt il-morfofonoloġija,

- f'xi wħud mid-definizzjonijiet issir referenza għall-kunċett tad-distribuzzjoni kumplimentarja, kunċett dibattibbli li niddiskutih f'Bezzina (2020:20).

1.3. L-allomorfija taz-zokk u l-affissi

L-allomorfija bħala realizzazzjoni fonetika differenti ta' morfema partikolari tista' tidher kemm fiz-zokk kif ukoll fl-affissi. Haspelmath u Sims (2010, p. 22-23) u Booij (2019) jagħtu bosta eżempji mit-tnejn. Nippreżenta xi wħud minnhom hawn taħt.

Fost l-eżempji tal-allomorfija fl-affissi mogħtija minn Haspelmath u Sims (2010, p. 22) hemm tal-Korean, li għandu żewġ allomorfi tas-suffiss akkużattiv, *-ul* u *-lul*, li jidhru f'eżempji bħal:

-ul	*ton* "flus"	*ton-ul* "flus-akkużattiv"
-lul	*tali* "sieq"	*tali-lul* "sieq-akkużattiv"

Hawnhekk jidher ċar li dawn iż-żewġ allomorfi qegħdin f'distribuzzjoni kumplimentarja, għax hija l-aħħar fonema taz-zokk li tiddetermina liema allomorf għandu jintuża. Huma jagħtu eżempju ieħor mit-Tork permezz tas-suffiss possessiv fl-ewwel persuna li għandu xejn inqas minn ħames allomorfi:

-im	*ev* "dar"	*ev-im* "dari"
-üm	*gün* "ġurnata"	*gün-üm* "il-ġurnata tiegħi"
-um	*tuz* "melħ"	*tuz-um* "il-melħ tiegħi"
-ım	*kız* 'tifla'	*kız-ım* 'binti'
-m	*baba* 'missier'	*baba-m* 'missieri'

Meta jiġu biex jiddiskutu l-allomorfija fiz-zokk, joffru eżempji minn tliet lingwi: l-Ingliż, il-Ġermaniż u r-Russu. Fil-Ġermaniż, ngħidu aħna, ostruwent imleħħen isir imniffes meta jokkorri f'tarf is-sillaba:

Tage /ˈtaːgə/ "ġranet"	*Tag* /taːk/ "ġurnata"
Hunde /ˈhʊndə/ "klieb"	*Hund* /hʊnt/ "kelb"

Anke Booij, fl-analiżi tiegħu tal-Olandiż, jiddiskuti l-allomorfija fl-affissi. Jargumenta li fil-każ ta' prefissi nattivi, l-allomorfija hija riżultat ta' restrizzjonijiet (*constraints*) fonoloġiċi. Ngħidu aħna, l-allomorf [ɔ] tal-prefiss *-on* f'kelma bħal *onmogelijk* /ɔmoɣələk/ "impossibbli", hija r-riżultat tal-assimilazzjoni u d-deġeminazzjoni (*degemination*). Mhux l-istess jista' jingħad għall-allomorfija li tidher fi prefissi li mhumiex nattivi, li tintiret mil-lingwi sors, bħal-Latin u l-Grieg. Din l-allomorfija hi mifruxa sew f'lingwi oħra bħat-Taljan, l-Ispanjol, l-Ingliż u anki l-Malti. Nippreżenta hawn xi eżempji mill-Ingliż li huma xhieda ta' din l-allomorfija.

Il-prefiss in-		
<u>in</u>-tolerant	ɪntoləˈrɑnt	"intolleranti"
<u>im</u>-populair	ɪmpopyˈler	"mhux popolari"
<u>in</u>-consistent	ɪŋkɔnsisˈtɛnt	"inkonsistenti"
<u>il</u>-legaal	ɪleˈxal	"illegali"
<u>ir</u>-rationeel	ɪrat(ʃ)oˈnel	"irrazzjonali"

Ngħidu aħna, il-prefiss *in-* għandu bosta allomorfi fl-Olandiż, fosthom *il-* bħal fil-kelma *il-legaal* 'illegali' u *ir-* fil-kelma *ir-rationeel* 'irrazzjonali'. Booij jargumenta li l-għażla tal-allomorf partikolari hija ddeterminata mill-ewwel fonema taz-zokk u li l-bidla sseħħ minħabba assimilazzjoni sħiħa jew parzjali. B'hekk jikkonkludi li l-allomorfija sservi biex tħaffef il-pronunzja.

B'rabta mal-Olandiż, Booij (2019) isemmi eżempju ta' allomorfija oħra li tikkonċerna l-morfema tal-plural. Jargumenta li s-suffissi *-en* u *-s* huma żewġ manifestazzjonijiet fonoloġiċi ta' din il-morfema u li l-għażla bejniethom tistrieħ fuq restrizzjoni fonoloġika li tapplika għall-kliem kollu nattiv. Hekk, *-en* tixref wara sillaba aċċentata filwaqt li *-s* tokkorri wara sillaba mhux aċċentata.

<u>1.4. Kundizzjonament allomorfiku</u>

F'ħafna xogħlijiet (Bauer, 2003; Haspelmath & Sims, 2010 fost ħafna oħrajn), l-allomorfija tinġabar fi tliet kategoriji, skont il-kundizzjonament lingwistiku li jirriżulta f'morfemi differenti.

Tajjeb inżommu f'moħħna li morfema partikolari ma tvarjax, iżda hija biss ir-rappreżentazzjoni tal-wiċċ (*surface representation*) li timmanifesta ruħha f'allomorfi differenti (Haspelmath & Sims, 2010, p. 23). Mela, meta r-rappreżentazzjoni tal-qiegħ (*underlying representation*) ta' morfema partikolari tiġi manipulata minn xi regoli (morfofonoloġiċi, morfoloġiċi jew lessikali) li japplikaw f'xi kuntest lingwistiku partikolari, tiġi prodotta rappreżentazzjoni tal-wiċċ li taf tvarja minn kuntest għal ieħor. Ir-rappreżentazzjoni tal-qiegħ hija astratta u ma tippreżentax xi forma ta' allomorfija.

L-aktar kundizzjonament espliċitu u komuni huwa dak fonoloġiku. F'din il-kategorija tal-allomorfi huwa l-kuntest fonoloġiku li jħoll u jorbot. Eżempju li spiss jingħata

fil-letteratura (Haspelmath & Sims, 2010; Mugdan, 1994) huwa l-morfema tal-plural fl-Ingliż li fuq il-livell ta' rappreżentazzjoni tal-wiċċ għandha tliet allomorfi, [-z], [-s] u [-əz]. L-allomorf [-əz] jokkorri wara sibilanti, bħal f'*face-s, maze-s, bush-es*, l-allomorf [-s] jixref wara ostruwent imniffes li mhux sibilant, bħal f'*cat-s, book-s*, waqt li [-z] jidher fil-bqija tal-kuntesti fonoloġiċi, bħal f'*bell-s, key-s*.

Mill-banda l-oħra, xi morfemi jbiddlu l-libsa skont il-kuntest morfoloġiku. Normalment, skont Haspelmath u Sims (2010), hija l-funzjoni grammatikali li tinfluwenza l-maġġorparti ta' dawn l-allomorfi kkundizzjonati morfoloġikament (p. 26). Jagħtu l-eżempju tal-verb Spanjol fl-infinittiv *ir* 'mar', li jinbidel f'*va-* fil-preżent u *fu-* fil-passat perfett. Allomorfija oħra kkundizzjonata grammatikalment tinstab fl-aġġettiv fil-Ġermaniż li jbiddel il-forma tiegħu skont il-ġens tan-nom li jimmodifika. Din il-bidla timmanifesta ruħha b'dan il-mod:

ein gross-<u>er</u> Wagen "karozza kbira" (m.)
ein gross-<u>es</u> Haus "dar kbira" (newtru)
eine gross-<u>e</u> Schlange "serp kbir" (f.)

Fil-każ t'hawn fuq, is-suffiss la huwa kkundizzjonat mill-forma fonetika taz-zokk li jsegwih u lanqas mil-lessema partikolari li jkun qed jimmodifika. Fil-fatt, is-suffiss tal-aġġettiv jiddependi mill-ġens grammatikali tal-lessema. Dan hu għalhekk kundizzjonament grammatikali (Bauer, 2003, p. 16).

Fl-aħħar nett, jeżistu allomorfi li huma kkundizzjonati lessikalment. L-allomorfi li jaqgħu taħt din il-kategorija jistgħu jerġgħu jiġu kklassifikati fi tnejn: a) dawk li jbiddlu l-forma għal raġunijiet purament semantiċi, u b) dawk li jinbidlu għal xi raġuni li ma tistax tinġabar f'xi regola partikolari. Eżempju tal-ewwel tip insibuh fil-morfema tal-plural fil-Persjan li tirrealizza ruħha fis-suffiss *-an* meta tingħaqad ma' nomi umani waqt li tidher bħala *-ha* ma' nomi mhux umani (Haspelmath & Sims, 2010, p. 26):

mœrd "raġel"	*mœrd-<u>an</u>* "rġiel"
gorbe "qattus"	*gorbe-<u>ha</u>* "qtates"

Dawk li jaqgħu taħt it-tieni tip ma jistgħux jiġu spjegati bil-fonoloġija, il-grammatika jew is-semantika, iżda jkun hemm xi fattur ieħor, li minnu nnifsu ma jistax jiġi espress permezz ta' regola u li jinfluwenza l-bidla fil-forma. Bauer (2003, p. 16) jargumenta li l-proċess derivattiv fl-Ingliż li jnissel aġġettiv min-nom korrispondenti tiegħu jidħol perfettament f'dan il-kexxun minħabba li l-għażla ta' kull allomorf tiddependi mil-lessema partikolari, u għalhekk jeħtieġ li tiġi memorizzata mill-kelliem. Fi kliem ieħor, m'hemmx raġuni għala ċerti nomi jieħdu s-suffiss *-ial* bħal *editor-ial* u *professor-ial*, waqt li nomi oħra jieħdu s-suffiss *-al*, ngħidu aħna, *doctor-al*. Dan il-punt jagħmlu wkoll Lacobini (2010) meta jargumenta li "l-allomorfija kkundizzjonata lessikalment tiddependi mil-lessema inkwistjoni u mhijiex prevedibbli, lanqas b'regoli morfofonoloġiċi."[2]

2. L-Allomorfija fl-Għadd Imtenni

B'dan l-isfond ġenerali li tajt fuq l-allomorfija u kif taħdem f'għadd ta' lingwi, il-pass li jmiss hu li nanalizza l-fenomenu fil-Malti, b'mod partikolari fl-imtenni. Fit-teżina nittratta wkoll l-allomorfija fid-diminuttiv (Bezzina 2020, p. 76), iżda għal raġunijiet ta' spazju, f'dan l-artiklu niddiskuti l-imtenni biss, b'mod partikolari l-varjazzjoni fis-suffiss u xi mekkaniżmi morfofonoloġiċi, bħall-epenteżi u l-bidla fil-vokali.

2.1. Varjazzjoni fis-Suffiss

Hemm qasma interessanti bejn il-lingwisti li jittrattaw l-imtenni fil-Malti fejn tidħol il-varjazzjoni fis-suffiss. Waqt li wħud, bħal Vassalli (1827, p. 102), Panzavecchia (1845, p. 30) u Attard (2008, pp. 14-15), iqisu s-suffissi *-ejn* ~ *-ajn* bħala l-morfi abbinati mal-formazzjoni tal-imtenni, oħrajn, bħal Aquilina (1965, pp. 69-70), jelenkaw tliet suffissi: *-ejn* ~ *-ajn* ~ *-tejn*. Kif wieħed jista' jinnota, in-nuqqas ta' qbil jikkonċerna s-suffiss *-tejn* u l-istatus tat-*t* marbuta f'relazzjoni mal-kelma sħiħa. Din il-problema se tiġi diskussa wara li jiġi stipulat jekk hemmx regola fonoloġika li tispjega l-alternanza *-ejn* ~ *-ajn*.

Fil-letteratura hemm qbil dwar l-alternanza fonoloġika *-ejn* ~ *-ajn*. Sutcliffe (1936, pp. 34-36) u Aquilina (1965, pp. 69-70), fost l-oħrajn, jargumentaw li s-suffiss *-ajn* jitfaċċa biss wara nomi li (storikament) jispiċċaw b'gutturali, jiġifieri bl-<għ>, bl-<h> jew bil-<q>. Dawn il-fonemi,

[2] "In casi come questo si parla di allomorfia condizionata lessicalmente, in quanto la scelta dell'allomorfo dipende dal lessema in questione, e non è prevedibile a partire da condizioni di tipo fonologico."

/Ø/ (il-grafema <għ> tilfet il-ħoss tagħha matul iż-żmien iżda xorta baqgħet tesiġi s-suffiss -*ajn*), /h/ u /ʔ/, kif jidhru f'xi kliem bħal *subgħajn* /sʊˈbɐjn/, *ġwenħajn* /dʒwɛnˈhɐjn/, *saqajn,* /sɐˈʔɐjn/, mela, jirrikjedu suffiss għalihom li jitfaċċa dejjem meta jokkorru huma. Din l-osservazzjoni preliminari twassal għal tliet konklużjonijiet.

L-ewwel, jidher li dawn iż-żewġ suffissi qegħdin f'distribuzzjoni kumplimentarja għax l-okkorrenza ta' suffiss minnhom f'kuntest partikolari awtomatikament teskludi l-possibbiltà tas-suffiss l-ieħor.

It-tieni konklużjoni tirrigwarda l-għażla tas-suffiss -*ejn* bħala l-binja tal-qiegħ. Din l-għażla hi mibnija fuq ir-raġunament li taċċenna għalih Zsiga (2013) meta tistqarr li l-forma tal-qiegħ tkun dik li normalment titfaċċa fl-aktar kuntesti fonoloġiċi varji u li minnha jiġu derivati forom tal-wiċċ aktar ristretti (p. 227). Argument ieħor li jsaħħaħ din id-deċiżjoni huwa dak imsejjes fuq it-teoriji tal-grammatiku Panini li ħareġ bl-idea li l-każ speċifiku għandu jiġi kkunsidrat l-ewwel biex imbagħad, ikunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet oħra li jkunu aktar ġenerali u japplikaw għal kuntesti aktar varji[3]. Dan ifisser li skont ir-raġunament ta' Panini, l-ewwel għandna nistabilixxu liema alternant tas-suffiss jintuża fil-kuntesti l-aktar speċifiċi biex wara ngħaddu għall-alternant -*ejn,* li japplika f'kuntesti aktar ġenerali u, għalhekk, jista' jitqies bħala l-forma tal-qiegħ.

It-tielet konklużjoni tittratta l-klassifikazzjoni ta' Paster, diskussa f'taqsima 1.2.2.1 fit-teżina tiegħi. Għal għadd ta' raġunijiet, fosthom il-preżenza ta' rappreżentazzjoni tal-qiegħ waħdanija, (-*ejn*) u l-applikazzjoni ta' regola fonoloġika (-*ejn* tinbidel f'-*ajn*) applikata f'kuntest speċifiku (wara l-ħsejjes gutturali), din l-alternanza tidħol kexxun f'dak li jien sejjaħtlu Tip A (2020, p. 23), jiġifieri allomorfija fonoloġika prevedibbli.

Il-problema li aċċennajt għaliha ftit ilu tikkonċerna l-istatus taż-żieda -*tejn.* Waqt li xi wħud iqisuh alternant ieħor minbarra s-suffissi -*ejn* u -*ajn,* oħrajn (Borg & Azzopardi-Alexander, 1997, p. 175; Cachia, 1994, p. 98; Fenech, 1978, p. 47-49; M. Mifsud, komunikazzjoni personali, 5 ta' Diċembru, 2019) huma aktar inklinati li jqisu l-fonema /t/ fi kliem bħal *daqqtejn* /dɐʔˈʔtɛjn/ u *kelmtejn* /kɛlmˈtɛjn/ bħala l-fonema responsabbli għall-allomorfija fiz-zokk, jiġifieri [daqq] ~ [daqqt], eċċ.

---

[3] "This idea of taking the most specific case first, thus getting it out of the way so that succeeding statements could be made more generally, is originally due to the ancient Indian grammarian Panini, and is still known as Panini's Theorem."

It-*t* marbuta, fdal mill-Għarbi li kienet isservi bħala indikatur tal-femminil, tidher f'għadd ta' kategoriji grammatikali oħra bħall-istat kostrutt, ngħidu aħna *kelmet il-Malti* u f'xi kliem bil-pronom mehmuż bħal *ziti*. Għaldaqstant, minħabba l-okkorrenza tagħha f'dawn il-kategoriji grammatikali tant distinti, tkun aktar loġika l-konklużjoni li t-*t* marbuta titqies bħala l-kawża tal-allomorfija fiz-zokk milli fis-suffiss.

Possibilità oħra li tista' tiġi kkunsidrata hija l-istatus tat-*t* marbuta bħala interfiss. Il-problema b'din il-konklużjoni hija waħda. Fil-letteratura (Bauer, 2003, p. 30; Glottopedia, 2007) hemm qbil li l-interfiss, minnu nnifsu, ma jġorrx valur semantiku u jintuża bħala pont fonetiku biex jgħaqqad zkuk jew kliem. Fil-fatt, b'din l-osservazzjoni f'moħħna nistgħu nanalizzaw in-nom arkajku *thalassa* li, għalkemm ma niżżiltux fit-tabella, issemmih Brincat (2018, p. 19) fit-teżi tagħha. L-imtenni ta' dan in-nom rari huwa *thalassanejn*, biż-żieda tal-ħoss konsonantali /n/ bejn iz-zokk u s-suffiss. X'aktarx, li din il-fonema tista' titqies bħala interfiss minħabba li, skonti, qed taqdi biss rwol fonoloġiku.

2.2. Allomorfija fiz-Zokk: l-Epenteżi

Tajjeb li nibda billi ngħid kelmtejn fuq dan il-proċess fonoloġiku li jirreferi għal xi żieda li ssir f'xi morfema jew oħra. Skont Zsiga (2013), l-epenteżi tintuża sabiex jinfirdu sekwenzi ta' fonemi li jmorru kontra r-restrizzjonijiet fonotattiċi tal-lingwa (p. 241). Dan jikkonfermah Gordon (2016), li jqis l-epenteżi bħala strateġija li spiss tintuża biex jissewwew sillabi li ma jkunux ġew iffurmati b'mod korrett. Hu jeżemplifika dan l-argument bl-Għarbi tal-Kajr li f'xi kuntesti jdaħħal il-vokali epentetika [i], fi kliem bħal ʔult-lak li jeħtieġ din il-vokali epentetika sabiex il-konsonanti <t> tifforma sillaba aċċettabbli ʔul.ti-lak ("għedtlek") (p. 162).

Mil-lista mogħtija, ninnutaw li n-nomi *basla, ħofra, labra, loqma, qoxra, tibna, widna* u *wiżna* jdaħħlu vokali epentetika fit-tieni sillaba fl-imtenni tagħhom, jiġifieri *basaltejn* /bɐsɐlˈtɛjn/, ħofortejn /hɔfɔrˈtɛjn/, *labartejn* /lɐbɐrˈtɛjn/, *loqomtejn* / lɔʔɔmˈtɛjn/, *qoxortejn* /ʔɔʃɔrˈtɛjn/, *tibintejn* /tɪbɪnˈtɛjn/, *widintejn* / wɪdɪnˈtɛjn/ u *wiżintejn* /wɪzɪnˈtɛjn/. Din iż-żieda tirriżulta f'alternanza fiz-zkuk bil-forma KVKK ~ KVKVK(t) – [hɔfr] ~ [hɔfɔrt], [lɐbr] ~ [lɐbɐrt], eċċ.

Minn din l-analiżi nistgħu naslu għal żewġ osservazzjonijiet oħra. L-ewwel nett, ta' min ninnutaw il-kwalità tat-tielet radikali li, minn dawn l-eżempji, nistgħu nikkonkludu li tkun dejjem <l, m, n> jew <r>. Dan il-punt jikkonfermawh kemm Sutcliffe (1936) kif ukoll Borg u Azzopardi-Alexander (1997). Ngħidu aħna, tal-ewwel jistqarr li nomi fil-femminil li t-tielet radikali tagħhom tkun waħda minn dawn imsemmija, jeħtieġu vokali qaddejja qabel din il-konsonanti, inkella dawn il-fonemi, imħaxknin bejn żewġ konsonanti oħra, ma jkunux jistgħu jiġu ppronunzjati[4].

It-tieni osservazzjoni tikkonċerna l-kwalità tal-vokali epentetika. Mill-eżempji kollha miġbura li jinvolvu vokali epentetika, ninnutaw li fil-każi kollha, din tkun identika għall-vokali li tokkorri fis-sillaba preċedenti, sew jekk tkun /ɪ/ u sew jekk /ɐ/ jew /ɔ/. Din l-osservazzjoni hija kruċjali għaliex tikkonferma li din l-alternanza fiz-zokk, V ~ Ø, hija riżultat ta' epenteżi u mhux tneħħija (*deletion*). Il-preżenza ta' dawn il-vokali, li jirriflettu dejjem il-vokali preċedenti, twassal ukoll għall-ipoteżi li hemm l-armonija vokalika involuta. Gordon (2016, p. 134), Zsiga (2013, p. 237) u Fenech (ara taqsima 2.2.2 fit-teżina) iqisu l-armonija vokalika bħala tip ta' assimilazzjoni nonkontigwa, proċess ieħor fonoloġiku li jaf iwassal għal allomorfija fiz-zokk u li jispikka l-aktar fit-Tork fejn il-vokali kollha li jokkorru fis-suffiss jalternaw sabiex jarmonizzaw mal-vokali li tinsab fiz-zokk. Fil-Malti, kif targumenta Hume (2005, p. 1), il-vokali epentetika per eċċellenza hija /ɪ/. Għaldaqstant, f'nomi bħal *ħofortejn* u *labartejn*, nistgħu nargumentaw li hemm il-preżenza tal-vokali epentetika /ɪ/ li tibdel il-kwalità tagħha frott l-armonija vokalika.
L-epenteżi tista' tiġi espressa bir-regola:

$$\text{Ø} \rightarrow \text{V} \,/\, \text{K} \,___\, \text{K}$$ [5]

Din l-epenteżi tista' tiġi studjata wkoll minn lenti aktar fonoloġika li tinvolvi t-tiswir tas-sillaba u r-regoli fonotattiċi tal-Malti. Fil-fatt, li kieku kellna niffurmaw l-imtenni ta' dawn in-nomi mingħajr il-vokali qaddejja, jiġifieri */bɐs.ˈltɛjn/ jew */hɔf.ˈrtɛjn/ ninnutaw li l-onset tat-tieni sillaba tmur kontra r-regoli fonotattiċi tal-Malti. Dan jikkonfermah Galea (2016) li jargumenta li għenieqed konsonantali komposti minn sonorant + waqfa jmorru kontra l-iskala tas-sonorità ladarba l-ewwel konsonanti hija aktar sonora (*sonorous*) mit-tieni waħda. Sabiex din il-problema tiġi

---

[4] "Feminine nouns with the third radical l, m, n, għ, r require before it an auxiliary vowel, as otherwise these letters between two consonants could not be readily pronounced." (p. 35)

[5] Tiddaħħal vokali epentetika qabel konsonanti sonoranti f'għanqud konsonantali ta' tlieta.

megħluba, Galea jargumenta li f'dan il-kuntest spiss tintuża strateġija li tinserixxi l-vokali /ɪ/ qabel is-sonorant. B'riżultat ta' dan, tinħoloq sillaba ġdida li tinkludi l-vokali qaddejja u s-sonorant, li b'hekk telimina l-għanqud konsonantali bħala onset (p. 30).

2.3. Allomorfija fiz-Zokk: Bidla fil-Vokali

Nibda bil-bidliet kwantitattivi. In-nomi *id, inbid* u *jum* jgħaddu minn bidla fit-tul tal-vokali mis-singular għall-imtenni. Jidher li din il-bidla hija marbuta maċ-ċaqliq tal-aċċent fil-kelma. Meta l-aċċent jimxi fuq sillaba oħra fil-kelma, il-vokali twal /iː/ u /uː/ jiqsaru u jsiru /ɪ/ u /ʊ/ rispettivament fis-sillaba korrispondenti.

Din l-osservazzjoni hi kkonfermata minn Borg (1975), li jgħid li kwalunkwe bidla fl-aċċent tal-kelma li hi assoċjata ma' proċessi grammatikali, tkun spiss akkumpanjata minn bidla fit-tul vokaliku[6] (p. 20). Zsiga (2013) tikkategorizza bidliet vokaliċi bħal dawn bħala każi ta' lenizzjoni (*lenition*), waqt li ssemmi r-rabta li dan il-proċess fonoloġiku għandu mal-aċċent tal-kelma (p. 240).

Bidla oħra li hija akkumpanjata minn bidliet fl-aċċent hija dik osservata fl-eżempji *ġbejna - ġbintejn* u *ħbejża - ħbiżtejn*. F'dawn iż-żewġ nomi, ninnutaw bidla minn dittong /ɛj/ għal monottong /ɪ/. Nistgħu ngħidu wkoll li z-zokk tagħhom għandu żewġ allomorfi, [dʒbɛjn] ~ [dʒbɪnt] u [hbɛjz] ~ [hbɪst] li jitfaċċaw skont il-pożizzjoni tal-aċċent fil-kelma.

Insibu wkoll bidliet kwalitattivi fil-vokali fin-nomi *ħaġeb, koxxa, xkora* u *xoffa*. Tnejn minnhom, jiġifieri *koxxa* u *xoffa,* ibiddlu l-vokali minn /ɔ/ għal /ʊ/, bidla li hija marbuta maċ-ċaqliq fl-aċċent tal-kelma. Din il-bidla tista' wkoll tiġi kkategorizzata bħala lenizzjoni ladarba, kif jargumenta Gordon (2016), vokali mgħollija (*raised*) f'sillabi mhux aċċentati tinvolvi tnaqqis fis-sonorità u għaldaqstant tingħata anqas attenzjoni lis-sillaba li ma tkunx għadha prominenti minħabba t-telf tal-aċċent (p. 155). Din il-bidla jsemmiha wkoll Scicluna (2017, p. 33) li jagħmel referenza għal meta l-vokali <o> titlef l-aċċent fit-tlissin. B'rabta ma' dawn iż-żewġ nomi, ta' min wieħed jinnota l-preżenza tal-varjanti *koxxtejn* u *xofftejn*.

Il-bidla kwalitattiva li tiġi osservata fin-nom *ħaġeb - ħuġbejn* tista' wkoll tiġi kklassifikata bħala lenizzjoni ladarba tinvolvi tgħollija (*raising*) tal-vokali, f'kuntest li jinvolvi t-telf tal-aċċent, mill-fonema /ɐ/ għal /ʊ/.

[6] "In Maltese, stress tends to co-occur with vocalic length. Thus, any stress shift concomitant with grammatical processes is often accompanied by loss or displacement of vocalic length."

Mill-banda l-oħra, il-bidla kwalitattiva (u kwantitattiva) osservata fin-nom *xkora - xkertejn* hija daqsxejn aktar problematika. Sinkronikament, nosservaw tqaddim (*fronting*) tal-vokali minn /ɔː/ għal /ɛ/ u bidla fil-kwantità tal-vokali minħabba ċ-ċaqliq tal-aċċent. Biss, jekk nikkunsidraw dan l-eżempju mil-lat dijakroniku, aktarx li fi stadju bikri, il-bidla kienet *a - e*, [ʃkɐːr] ~ [ʃkɛrt] u mhux *o - e* [ʃkɔːr] ~ [ʃkɛrt]. Spagnol (komunikazzjoni personali, 4 ta' April, 2020) jargumenta li l-bidla minn *xikāra* (<Għarbi) għal *xkōra* fil-Malti standard aktarx seħħet bi proċess ta' iperkorrezzjoni. Jekk inżommu ma' din it-teorija, nistgħu nargumentaw li din il-bidla kienet tinvolvi tgħollija tal-vokali u għaldaqstant tista' tiġi kklassifikata bħala lenizzjoni.

Fl-aħħar nett, insibu l-bidliet kwalitattivi li nosservaw fin-nomi *siegħa - sagħtejn* u *sieq - saqajn*. Il-bidla hawnhekk hija mill-fonema /ɪ/, qasira jew twila, għall-fonema /ɐ/. Jista' jkun li huma l-fonemi gutturali li qed ikollhom effett fuq il-kwalità tal-vokali, b'mod partikolari fil-każ ta' *sieq - saqajn*. Minħabba li s-suffiss, f'dan il-każ, irid ikun *-ajn*, aktarx li seħħet armonizzazzjoni vokalika, jiġifieri l-vokali li tinsab fis-sillaba ta' qabel tal-aħħar bidlet il-kwalità tagħha u saret tixbah lil dik li tokkorri fis-suffiss, biex titħaffef il-pronunzja. Dawn jeħtieġu aktar studju.

L-Għeluq

Minn din l-analiżi tal-imtenni u mill-analiżi tad-diminuttiv fit-teżina tiegħi (ara Bezzina, 2020, p. 76) jistgħu jinsiltu xi tendenzi u konklużjonijiet li se niġborhom fil-punti t'hawn taħt:

- Jidher li l-allomorfija ma ġġibx ruħha b'mod differenti quddiem kategoriji inflettivi jew derivattivi. Tant hu hekk li l-mekkaniżmi tat-tneħħija, tal-lenizzjoni (tniffis finali u bidliet kwalitattivi tal-vokali) u t-taqsir tfaċċaw kemm fl-imtenni (kategorija inflettiva) u kemm fid-diminuttiv (kategorija derivattiva). Huwa biss il-mekkaniżmu tal-metateżi li ma tfaċċax fid-diminuttiv.

- Iċ-ċaqliq tal-aċċent fil-kelma u r-regoli fonotattiċi tal-Malti jirriżultaw f'għadd ta' alternanzi. Nistgħu ngħidu li fil-maġġorparti tal-każijiet, l-epenteżi, it-tneħħija, il-lenizzjoni f'forma ta' bidliet kwalitattivi fil-vokali u t-tnaqqis fil-vokali huma riżultat ta' dan.

- Il-varjazzjoni <o> ~ <u> tfeġġ kemm fl-imtenni kif ukoll fid-diminuttiv. Sibt li din il-varjazzjoni titfaċċa f'diversi kategoriji u partijiet tad-diskors fil-Malti li lkoll għandhom komuni ċ-ċaqliq tal-aċċent primarju, bħal *arloġġ - arluġġar* u *sploda - splużjoni*.

- Ir-relazzjoni tar-rappreżentazzjoni

tal-qiegħ vis-à-vis tal-wiċċ hija importanti ħafna. Filwaqt li r-rappreżentazzjoni tal-qiegħ tista' tiġi attribwita lill-komponent tal-morfoloġija, ir-rappreżentazzjonijiet tal-wiċċ differenti li joħorġu minn forma tal-qiegħ waħdanija huma attribwiti lill-komponent fonoloġiku. Din ir-rabta bejn dawn iż-żewġ fergħat lingwistiċi tikkonferma li analiżi allomorfika tabilħaqq taqa' taħt il-fergħa tal-morfofonoloġija.

Biblijografija

Aquilina, Ġ. *Teach yourself Maltese*. London: English U.P., 1965.

Attard, A. *The dual number in the Maltese language: A linguistic study (Maltese language series)*. Victoria, Gozo: L-awtur, 2008.

Bauer, L. *Introducing linguistic morphology* (It-2 ed.). Edinburgh U.P., 2003.

Berg, T. A diachronic frequency account of the allomorphy of some grammatical markers. *Journal of Linguistics, 47*(1), 31-64. Miġjuba fl-2011 minn https://www.jstor.org/stable/41261740

Bezzina, R. *L-allomorfija fil-Malti: B'referenza speċjali għall-imtenni u d-diminuttiv* (Teżi tal-Baċellerat). L-Università ta' Malta, 2020.

Booij, G. Taalportaal: Allomorphy. Miġjuba fl-2019 minn http://www.taalportaal.org/taalportaal/topic/pid/topic-14020545829511269#

Borg, A. Maltese Morphophonemics. *Journal of Maltese Studies, 10*, 11–28, 1975.

Borg, A., & Azzopardi-Alexander, M. *Maltese*. London: Routledge, 1997.

Cachia, L. *Grammatika ġdida tal-Malti*. Malta: L-awtur, 1994.

Fenech, E. *Contemporary journalistic Maltese: An analytical and comparative study*. Leiden: Brill, 1978.

Galea, L. *Syllable structure and gemination in Maltese* (Teżi tal-PhD). Ġermanja: Universität zu Köln, 2016.

Glottopedia. Interfix. Miġjuba fl-2007 minn http://www.glottopedia.org/index.php/Interfix

Gordon, M. *Phonological typology*. Oxford U.P., 2016.

Haspelmath, M., & Sims, A. *Understanding morphology* (It-2 ed.). Hodder Education, (2010).

Hume, E. *Predicting Epenthesis: An Information-theoretic Account*. 7th Annual Meeting of the French Network of Phonology. The Ohio State University, 2005.

Lacobini, C. (2010). "Allomorfi." Miġjuba minn http://www.treccani.it/enciclopedia/allomorfi_%28Enciclopedia-dell%27Italiano%29/

McCarvel, M. Kelly. *Allomorphic variation of definite articles in Jersey: a sonority based account* (Teżi tal-Masters). Miġjuba minn Graduate Student Theses, Dissertations, & Professional Papers, 2010.

Mugdan, J. "Morphological units." F'R. E. Asher & J. M. Y. Simpson (Ed.), *The encyclopedia of language and linguistics* (pp. 2543-2553). Pergamon, 1994.

Panzavecchia, F. *Grammatica della lingua maltese, spiegata secondo i principi delle lingue orientali e della lingua italiana*. Malta: Tipografia Di M. Weiss, 1845.

Paster, M. Allomorphy. F' R. Lieber & P. Štehauer (Eds.), *The oxford handbook of derivational morphology* (pp. 219-234). USA: Oxford U. P., 2014.

Scicluna, K., Agius, S., & Giordano, C. *Inħaddem il-Malti tajjeb: Manwal prattiku tal-grammatika*. San Ġwann: BDL, 2018.

Sutcliffe, E. F. *A grammar of the Maltese language: With chrestomathy and vocabulary* (2nd ed.). London: Geoffrey Cumberlege, 1936.

Thornton, A. "Stem allomorphs or suffix allomorphs? On Italian derivatives with antesuffixal glides." *Mediterranean Morphology Meetings, 1*, 86-98. doi: https://doi.org/10.26220/mmm.2346, 1997.

Vassalli, M. *Grammatica della lingua maltese*. Malta, 1827.

Zsiga, E. *The sounds of language: an introduction to phonetics and phonology.* Wiley-Blackwell, 2013.

Analiżi Fonetika u Fonoloġika tad-Djalett Imġarri

Studenta:
Yasmin Camilleri

Tutur:
Is-Sur Ruben Farrugia

1. Daħla

F'dan l-artiklu se tingħata ħarsa fonetika u fonoloġika lejn id-djalett Imġarri, varjetà mitkellma fil-Punent ta' Malta. L-Imġarr fih ftit iżjed minn tmien kilometri u sal-aħħar ċensiment, jiġifieri tal-2011, fih kienu jgħixu 3,449 ruħ. Tajjeb jingħad li l-kwiet u l-ambjent rurali ta' dan ir-raħal ġibdu nies minn diversi lokalitajiet, u dan l-aħħar il-popolazzjoni qed tikber ġmielha. Madankollu d-djalett Imġarri għadu jiġi mitkellem minn ħafna Mġarrin, u fl-analiżi ta' dan l-istudju se tinħareġ is-sistema vokalika ta' dan id-djalett, u wara, kull vokali se tiġi deskritta minn aspett fonoloġiku.

2. Il-Metodoloġija

Din ir-riċerka fonetika u fonoloġika hi bbażata fuq numru ta' rekordings minn kelliema nattivi tad-djalett Imġarri. Sabiex inħarġet is-sistema vokalika tad-djalett Imġarri, żewġ kelliema nattivi tal-varjetà Mġarrija ġew mitluba jaqraw sentenzi bil-pari minimi tad-djalett Imġarri. Min-naħa l-oħra, l-analiżi fonoloġika hi bbażata fuq erba' intervisti differenti ma' kelliema tad-djalett mistħarreġ. Barra minn hekk, tħejja kwestjonarju sabiex jimtela mis-sitt parteċipanti sabiex jinħareġ ukoll l-isfond soċjolingwistiku tal-informanti.

2.1. Il-Parteċipanti

Il-parteċipanti, kemm dawk tal-pari minimi kif ukoll tal-intervisti, intgħażlu skont serje ta' kriterji sabiex tinżamm konsistenza matul ir-riċerka kollha.

Għaldaqstant għall-parti fonetika ta' dan l-istudju ħadu sehem żewġ parteċipanti: raġel u mara, u għall-parti fonoloġika ta' dan l-istudju ġew intervistati erba' parteċipanti: żewġ nisa u żewġt irġiel, sabiex jinżamm bilanċ bejn iż-żewġ sessi. Barra minn hekk, kien importanti li d-data tinġabar miż-żewġ sessi sabiex il-varjabbli soċjolingwistiku tas-sess jinżamm kostanti u ovvjament, minħabba li d-djalett jiġi mitkellem miż-żewġ sessi.

It-tieni rekwiżit li bih ġew magħżula l-informanti għal dan l-istudju kien li kull parteċipant ried ikollu età li tvarja bejn l-40 u l-55 sena. Ġie magħżul grupp ta' età medja, minħabba li fiż-żgħażagħ hemm it-tendenza li jużaw forom mhux-Standard, filwaqt li l-anzjani jħaddnu ċerti varjanti konservattivi, kif jgħidu Evans Wagner (2012) u Eckert (1998) rispettivament. Għalhekk, sabiex tingħata analiżi sinkronika ta' din il-varjetà djalettali, ġie konkluż li dan il-grupp ta' età huwa l-aktar wieħed li jitbiegħed mill-innovazzjonijiet lingwistiċi u minn diskors arkajku.

Apparti minn hekk, kien importanti li l-parteċipanti jkunu twieldu u dejjem għexu fl-Imġarr biex kemm jista' jkun titnaqqas l-influwenza lingwistika ma' djaletti ta' rħula oħra.

L-aħħar kriterju tal-għażla tal-informanti kien li tal-anqas, ġenitur wieħed ta' kull informant ried ikun mill-Imġarr ukoll, sabiex tkompli tiġi minimalizzata l-probabbiltà tat-taħlit fil-pronunzja ma' varjetajiet djalettali oħra.

Fuq kollox, kien neċessarju li kull parteċipant ikun kelliem nattiv tad-djalett Imġarri għax kieku ma kinux, riċerka bħal din ma setgħetx tkun possibbli.

2.2. L-Intervisti

L-għan ewlieni tar-rekordings tal-intervisti kien sabiex kull vokali li tappartjeni għad-djalett Imġarri tiġi analizzata fonoloġikament. Barra minn hekk, ir-rekordings tal-intervisti kienu ta' għajnuna wkoll sabiex tiġi stabbilita s-sistema vokalika ta' dan id-djalett. Sabiex inħarġu l-vokali tad-djalett Imġarri, l-ewwel kellhom isiru r-rekordings tal-intervisti u l-qari tal-pari minimi, imbagħad kellha ssir traskrizzjoni tar-rekordings bl-AFI, u permezz tat-traskrizzjonijiet inħarġu l-vokali kollha li hu mogħni bihom id-djalett tal-Imġarr.

Matul is-sessjoni tar-rekording tal-intervisti, l-erba' informanti ġew mitluba biex jitkellmu permezz tat-taħdit spontanju. Skont Gibbon (2009), dan il-mod ta' taħdit huwa diskors naturali, mhux ippreparat minn qabel, li normalment iseħħ f'kuntesti informali. Tant hu hekk, li għandu l-kapaċità li jqanqal it-taħdit naturali tal-kelliema (Starks u McRobbie-Utasi, 2001). Għaldaqstant sabiex kemm jista' jkun jinħoloq ambjent informali, il-maġġoranza tar-rekordings seħħew f'dar ta' kelliema nattiva li l-parteċipanti normalment jiffrekwentaw u li fiha jitkellmu bid-djalett. Tajjeb jingħad li ntgħażel dan il-metodu ta' taħdit waqt ir-rekording tal-intervisti sabiex id-diskors tal-parteċipanti jitqarreb lejn id-diskors tagħhom ta' kuljum u jitbiegħed mill-Malti Standard.

2.3. Il-Pari Minimi

Il-par minimu hu sett ta' żewġ kelmiet b'tifsiriet differenti, li jvarjaw f'ħoss fonemiku wieħed fl-istess pożizzjoni (Fasold u Connor-Linton, 2013). Madankollu f'dan l-istudju, il-varjazzjoni fil-ħoss fonemiku kienet biss vokalika, minħabba li l-għan ta' din ir-riċerka kien li jinħarġu d-differenzi vokaliċi. Fost diversi pari minimi li nstabu, "barra" /ˈbɐrrɐ/ u "borra" /ˈbʊrrɐ/, "deheb" /dɛːp/ u "dab" /dʊːp/, "bjad" /bjʊːt/ u "bjut" /bjuːt/, u "għemeż" /ˈɛːmɛs/ u "hemeż" /ˈɛːmɪs/ huma pari minimi fid-djalett Imġarri.

Għall-parti fonemika tal-istudju, il-parteċipanti kellhom jaqraw lista ta' sentenzi bil-pari minimi infilzati fihom b'mod sistematizzat. Għaldaqstant kien essenzjali li kull par minimu ma jinqarax b'mod indipendenti, iżda f'kuntest ta' sentenza. Apparti hekk, kull kelma fil-par minimu ma setgħet titpoġġa la fil-bidu u lanqas fil-pożizzjoni aħħarija tas-sentenza, sabiex tiġi evitata l-waqfa pawsali, li hija forma li, minħabba l-pożizzjonijiet li tokkorri fihom għandha l-kapaċità li tibdel il-pronunzja tal-kelma, l-aktar fil-vokali jew fl-aċċent (Revell, 2012). Għaldaqstant sabiex tingħata stampa ċara tad-djalett Imġarri kif inhu mitkellem illum, kull par minimu kellu jinqara f'kuntest.

2.4. Il-Kwestjonarju

Apparti l-irwoli li ngħataw lis-sitt informanti li ħadu sehem f'dan l-istudju, dawn kellhom ukoll jimlew kwestjonarju maqsum fi tliet taqsimiet. L-iskop tiegħu ma kienx wieħed soċjolingwistiku, iżda sabiex tingħata ħarsa lejn l-isfond lingwistiku ta' kull parteċipant. Dan għax fil-kwestjonarju kull informant intalab jirrispondi kif iħares lejn il-Malti Standard, id-djalett Imġarri u anke lejn djaletti oħra f'Malta u Għawdex.

Fost fatturi oħra li nħarġu minn dan il-kwestjonarju, deher li l-parteċipanti kollha li ħadu sehem fl-istudju huma ta' klassi soċjali medja. Apparti hekk, fil-kwestjonarju, il-maġġoranza tal-informanti kitbu li ħafna nies jaħsbuhom Għawdxin malli jibdew jitkellmu. Din l-osservazzjoni interessanti dehret ukoll fir-riżultati minħabba li dan id-djalett għandu xi karatteristiċi li jixbhu lid-djaletti Għawdxin, aktar milli d-djalett ta' Marsaxlokk, l-uniku djalett f'Malta li ġie mistħarreġ qabel dan l-istudju.

3. L-Analiżi Fonetika tad-Djalett Imġarri

Il-bażi ta' din ir-riċerka fonetika u fonoloġika kienet li tiġi stabbilita s-sistema vokalika tad-djalett Imġarri, għax fuqha setgħet tinbena l-analiżi fonoloġika ta' kull vokali. Għaldaqstant id-djalett Imġarri huwa wkoll mogħni bil-karatteristiċi tipiċi tiegħu li jagħmluh djalett uniku. Dan jikkonferma t-teorija ta' Azzopardi-Alexander (2011) li, għalkemm il-gżejjer Maltin huma żgħar, xorta waħda kull djalett għandu s-sistema vokalika tiegħu.

Kif jidher f'Figura 2.1, f'dan l-istudju nstab li d-djalett tal-Imġarr iħaddan 15-il vokali f'oppożizzjoni fonemika: erbgħa vokali iżjed mill-Malti Standard. Dawn jistgħu jinqasmu fi tliet settijiet differenti; il-vokali quddemin u magħluqin: /ɪ/, /ɪː/, /iː/ u /y/, il-vokali semimiftuħin u ċentrali ta' quddiem: /ɛ/, /ɛː/, /ɐ/, /ɐː/, /æ/ u /æː/, u dawk semimiftuħin u magħluqin ta' wara: /ɔ/, /ɔː/, /ʊ/, /ʊː/ u /uː/. Tajjeb jingħad li s-sistema vokalika ta' dan id-djalett hija identika għal dik ta' żewġ djaletti Għawdxin: dik ta' Ta' Sannat u t'Għajnsielem.



Figura 2.1. Is-Sistema Vokalika tad-Djalett Imġarri

Waqt li l-Malti Standard għandu tliet vokali quddemin u magħluqin: /ɪ/, /ɪː/ u /iː/, id-djalett Imġarri jħaddan fonema vokalika iżjed, l-/y/. Jekk tingħata ħarsa lejn it-tieni sett ta' vokali, waqt li l-Malti Standard huwa mogħni bil-vokali /ɛ/, /ɛː/, /ɐ/ u /ɐː/, fid-djalett Imġarri hemm iż-żieda tal-fonemi vokaliċi /æ/ u l-/æː/. Fil-każ tal-aħħar sett, il-Malti Standard huwa magħmul minn erba' vokali warranin: /ɔ/, /ɔː/, /ʊ/ u /uː/ għax l-/ʊː/ titqies bħala allofon tal-/uː/. Għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-Malti Standard, fl-Imġarri l-/ʊː/ tagħmel parti mis-sistema vokalika.

3.1. Id-Dittongi fid-Djalett Imġarri

Filwaqt li l-Malti Standard iħaddan seba' dittongi, fid-djalett Imġarri jinstabu tmienja, li huma: /ɐj/, /ɐw/, /ɛj/, /ɛw/, /æj/, /æw/, /ɔj/ u /ɔw/. Għalkemm sitta minnhom huma identiċi għall-Malti Standard, id-dittongi /æj/ u /æw/ jinstabu biss fl-Għajnselmiż, mid-djaletti li ġew mistħarrġa s'issa. Tajjeb jingħad li bħall-Malti Standard u d-djaletti studjati s'issa, id-dittongi fl-Imġarri jingħalqu u jikkonverġu fis-semivokali /j/ jew /w/.

Id-distribuzzjoni tad-dittongi /ɐj/ u /ɐw/ fl-Imġarri hija simili għal dik tal-Malti Standard, kif jidher fl-eżempji "innutajna" /ɪnnʊˈtɐjnɐ/ u "hawnhekk" /ɐwˈnɛkk/, rispettivament. Madankollu fil-verb "ngħidulhom", ippronunzjat /nɐjˈduːlɪm/, id-dittong /ɐj/ jokkorri minflok id-dittong /ɛj/ tal-Istandard u f'kelma bħal "sewwa" /ˈsɐwwɐ/, id-dittong /ɛj/ tal-Malti Standard isir /ɐw/ fid-djalett Imġarri.

Għalkemm f'ċerti każijiet id-dittongi /ɛj/ u /ɛw/ jaħdmu bħall-Malti Standard, f'kuntesti oħra d-distribuzzjoni tagħhom tvarja. Tant hu hekk, li d-dittong /ɛj/ jokkorri kemm minflok il-vokali quddemija /iː/ tal-Istandard, kif ukoll minflok il-vokali f'oppożizzjoni għaliha /ɪː/, kif jidher fil-kliem "butir" /bʊˈtɛjr/ u "riħ" /rɛjh/, rispettivament. Min-naħa l-oħra, id-dittong /ɛw/ fl-Imġarri jidher ukoll fi kliem li jinkludi l-"għu", li tiġi pronunzjata permezz tad-dittong /ɐw/, kif jidher fil-verb "jaqtgħu" /ˈjɛʔtɛw/.

Id-dittong /æj/ fid-djalett Imġarri jidher fejn fil-Malti Standard jiġi pronunzjat id-dittong /ɛj/, kif jiġri fil-kelma "xejn" /ʃæjn/. Simili għal dan id-dittong, ġeneralment id-dittong /æw/ fl-Imġarri jokkorri minflok id-dittong /ɛw/ tal-Istandard, kif jindika l-eżempju "l-ewwel", ippronunzjat /ˈlæwwɪl/.

Kemm id-dittong /ɔj/, kif ukoll id-dittong /ɔw/ fid-djalett Imġarri għandhom l-istess realizzazzjoni fonoloġika għal dik tal-Malti Standard. Tant hu hekk li, apparti li d-dittong /ɔj/ okkorra fil-kelma "vojt" /vɔjt/, instabu diversi każijiet fejn dawn iż-żewġ dittongi nstabu fi kliem li ġej mill-Ingliż, pereżempju "toys" /tɔjs/ u "toast" /tɔwst/.

3.2. L-Omonimi

Il-kliem omonimu jkollu forma ortografika u fonoloġika waħda, iżda t-tifsir ikun differenti. Madankollu, minħabba d-differenzi vokaliċi fil-varjetajiet djalettali, ċertu kliem omonimu fil-Malti Standard ma jibqax omonimu f'xi djaletti. Fil-każ tad-djalett Imġarri nstabu xi omonimi li, għalkemm huma omonimi fl-Istandard, fl-Imġarri ma jitqisux bħala omonimi, minħabba d-differenza fil-pronunzja. Uħud minn dawn jidhru fit-tabella t'hawn taħt:

Tabella 1: L-Omonimi fil-Malti Standard f'kuntrast mal-Imġarri

Il-Malti Standard	Id-Djalett Imġarri	Tifsir
/ˈkɛrɐ/	/ˈkɪræ/	"kera" (n. sg. f.)
	/ˈkɛræ/	"kerha" (aġġ.)
/zɐːr/	/zʊːr/	"żgħar" (aġġ.) / "żar" (v.)
	/zɐːr/	"żahar" (n. sg. m.)
/dɐːr/	/dɐːr/	"dahar" (n. sg. m.)
	/dʊːr/	"dar" (n. sg. f.)

Min-naħa l-oħra, instab ukoll xi kliem li mhuwiex omonimu fil-Malti Standard, iżda huwa omonimu fid-djalett Imġarri. Dan jiġri minħabba l-pronunzja vokalika differenti fl-Istandard u fl-Imġarri. Fit-tabella t'hawn taħt jistgħu jidhru xi omonimi li huma tipiċi għall-varjetà Mġarrija:

Tabella 2: L-Omonimi fl-Imġarri f'kuntrast mal-Malti Standard

Id-Djalett Imġarri	Il-Malti Standard	Tifsir
/dʊːn/	/dɔːn/	"don" (n. sg. m.)
	/dɐːn/	"dan" (pron. dim.)
/ˈʊːrfɐ/	/ˈɐːrfɐ/	"għarfa" (n. sg. f.)
	/ˈɔːrfɐ/	"għorfa" (n. sg. f.)
/pʊnt/	/pɔnt/	"pont" (n. sg. m.)
	/pʊnt/	"punt" (n. sg. m.)

4. L-Analiżi Fonoloġika tad-Djalett Imġarri

Kif diġà ntqal fit-taqsima preċedenti, minn din ir-riċerka nstab li d-djalett Imġarri jħaddan 15-il vokali li jinsabu f'oppożizzjoni fonemika. Deher ukoll li dawn il-vokali jistgħu jinqasmu fi tliet taqsimiet: il-vokali quddemin, li jiġu artikolati fil-parti quddemija tal-ħalq; il-vokali semimiftuħa u ċentrali ta' quddiem u l-vokali warranin, li jitlissnu fil-parti warranija tal-ħalq. Għaldaqstant f'din il-parti fonoloġika tal-istudju se jiġu diskussi s-sejbiet ewlenin tal-fonemi vokaliċi li jappartjenu għad-djalett Imġarri.

F'diversi kuntesti l-vokali quddemija /iː/ tokkorri bħall-Malti Standard, kif jidher fl-eżempju "qisha" /ˈʔiːsɐ/. Madankollu tista' tidher ukoll minflok il-vokali /ɪ/ jew l-/ɪː/ tal-Istandard, li huma f'oppożizzjoni għaliha, bħalma jixhdu l-kliem "niġi" /ˈniːdʒɪ/ u "triq" /triːʔ/ rispettivament. Barra minn hekk, instabu wkoll diversi każijiet fejn l-/iː/ okkorriet minflok l-/ɪ/ tal-Malti Standard fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, bħalma jiġri fin-nom "frawli" /frɐwˈliː/. Permezz ta' din il-bidla vokalika jidher li l-Imġarrin għandhom it-tendenza li jkarkru l-vokali aħħarija, li hija tendenza li dehret ukoll fil-vokali warranija /uː/. Mill-banda l-oħra l-aktar kuntesti komuni fejn l-/iː/ okkorriet minflok l-/ɪː/ kienet fi kliem monosillabiku fl-ambjent tal-glottali /ʔ/, kif jidher fil-kelma "żliq" /zliːʔ/. Tajjeb jingħad li din il-bidla vokalika dehret ukoll fi kliem polisillabiku, kif jixhed l-aġġettiv "sabiħa" /sɐˈbiːħɐ/.

B'kuntrast mal-vokali /iː/, il-vokali /y/ fl-Imġarri ma tantx għandha frekwenza għolja, imma xorta nstabet f'żewġ kuntesti differenti: minflok l-/uː/ u l-/ʊ/ tal-Istandard. Fil-każ tal-ewwel possibbiltà, il-bidla vokalika seħħet f'ambjent aċċentat, iżda fit-tieni possibbiltà ġeneralment tidher f'kuntest mhux aċċentat u fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, kif jidher fil-kliem "jgħidulu" /jɛjˈdylʊ/ u "veru" /ˈvɪːry/ rispettivament.

Minkejja li f'ċerti kuntesti l-vokali /ɪ/ fl-Imġarri għandha l-istess realizzazzjoni bħal dik tal-Malti Standard, kif jidher fin-nom "xita" /ˈʃɪtɐ/, tista' tidher ukoll f'diversi kuntesti differenti. Mill-banda l-oħra, il-vokali /ɪː/ mhijiex daqstant frekwenti fl-Imġarri, imma għandha distribuzzjoni li tixbah ħafna lil dik tal-Istandard, kif jidher fin-nom "ħnieżer" /ˈħnɪːzɪr/.

L-akbar ammont ta' eżempji nstab meta l-vokali /ɪ/ fl-Imġarri dehret minflok l-/ɛ/ tal-Malti Standard, kif jidher fin-nom plural "flieles" /ˈflɪːlɪs/. Barra minn hekk, il-vokali /ɪ/ tista' tokkorri minflok l-/ɔ/ tal-Malti Standard, meta din tkun fis-sillaba aħħarija, ħafna drabi bħala parti mill-klitik tal-verbi, kif jidher fil-verb "issibilhom" /ɪssɪˈbɪlɪm/. Għaldaqstant meta fil-kelma jkun hemm il-ġeminazzjoni konsonantali, instabu wkoll okkorrenzi fejn il-vokali /ɪ/ tista' tidher minflok l-/ɔ/ tal-Istandard, bħalma tixhed il-kelma "kollox" /ˈkɪllɪʃ/, fejn għal darba oħra l-kelliema Mġarrin jirrikorru għall-armonija vokalika. Apparti hekk, filwaqt li nstab l-eżempju "daqsxejn" /dɪʔˈʃɛjn/, fejn il-vokali /ɪ/ tidher minflok l-/ɐ/ tal-Istandard, instab ukoll xi kliem, pereżempju "ġunġlien" /dʒɪndʒˈlɪːn/, fejn il-vokali /ɪ/ tokkorri minflok il-vokali warranija /ʊ/ tal-Istandard. Fil-każ tal-/ɪː/ instabu kuntesti fejn tista' tokkorri l-/ɐː/, l-/iː/, l-/ɛː/ u l-/

ɔː/ tal-Malti Standard, għalkemm l-eżempji fir-rekordings ma kinux numerużi. Tant hu hekk, li nstab biss l-eżempju "damu" /ˈdɪːmʊ/ fil-każ tal-bidla vokalika minn /ɐː/ għal /ɪː/ u tliet eżempji fejn il-vokali /iː/ tal-Istandard inbidlet f'/ɪː/, kif jidher fi "knisja" /ˈknɪːsjɐ/. Mill-banda l-oħra, meta l-vokali /ɪː/ tidher minflok il-vokali /ɛː/ tal-Malti Standard, tista' tokkorri kemm fi kliem magħmul minn żewġ sillabi, bħal "speċi" /ˈspɪːtʃɪ/, kif ukoll fi kliem monosillabiku, kif jidher fil-kelma "jleqq" /jlɪːʔ/. Apparti hekk, il-vokali /ɪː/ tista' tidher ukoll minflok il-vokali /ɔː/, kif jidher fil-kelma "ukoll" /ʊˈkɪːl/.

Għall-kuntrarju tal-vokali quddemin, il-vokali /ɛ/ u /ɛː/ mhumiex daqstant frekwenti fid-djalett Imġarri u għandhom realizzazzjoni li tixbah lil dik tal-Istandard, kif jidher fil-kliem "ġebel" /ˈdʒɛbɛl/ u "reċti" /ˈrɛːtʃtɪ/. Madankollu, il-vokali /ɛ/ okkorriet ukoll minflok l-/ɐ/ tal-Istandard, fejn ħafna drabi tidher l-imala, kif jiġri fil-kelma "ħabel" /ˈhɛbɛl/. Apparti hekk, il-vokali /ɛ/ fl-Imġarri ssostitwixxiet il-vokali /ɔ/ tal-Malti Standard, kif tixhed il-kelma /kɐrrɛtˈtiː/. Min-naħa l-oħra l-fonema vokalika /ɛː/ okkorriet minflok il-vokali /ɐː/ u /ɔː/ tal-Malti Standard, kif jidher f'"għedtlek" /ˈɛːtlɪk/ u "tgħoddu" /ˈtɛːddʊ/, rispettivament. Għaldaqstant, bħalma tixhed il-kelma "biex" /bɛːʃ/, il-vokali /ɛː/ tista' tokkorri minflok l-/ɪː/ tal-Istandard. Interessanti li fil-każijiet kollha li seħħet fihom din il-bidla vokalika, wara l-vokali /ɛː/ kien hemm il-preżenza tal-konsonanti frikattiva u postalveolari /ʃ/.

Filwaqt li fl-Imġarri l-vokali /æ/ tokkorri b'mod frekwenti minflok il-fonemi vokaliċi /ɐ/ u /ɛ/ tal-Malti Standard, l-/æː/ għandha frekwenza daqsxejn anqas minnha, u ġeneralment tidher minflok l-/ɐː/ u l-/ɛː/ tal-Malti Standard. F'diversi każijiet il-vokali /æ/ tidher fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, kif jidher fil-kelma "xita" /ˈʃɪtæ/, iżda tista' tokkorri wkoll bħala l-ewwel, it-tieni jew l-aħħar sillaba fil-kelma, kif jindikaw il-kliem "faċendiet" /fætʃɛnˈdɪːt/, "inħalli" /ɪnˈhællɪ/, "wieqaf" /ˈwiːʔæf/, rispettivament. Għal darba oħra, ġie osservat li l-kelliema Mġarrin jirrikorru għall-armonija vokalika, kif jixhed in-nom "ġebla" /ˈdʒæblæ/. Min-naħa l-oħra, il-vokali /æː/ tista' tidher fi kliem monosillabiku bħal f'"ġenn" /dʒæːn/, fejn tissostitwixxi l-vokali /ɛː/ tal-Malti Standard. Tajjeb jingħad li f'dan il-kuntest il-ġeminazzjoni konsonantali tal-Istandard ma tibqax preżenti minħabba t-tul vokaliku. Barra minn hekk, tista' tokkorri fi kliem polisillabiku fl-ambjent tal-ġeminazzjoni konsonantali, pereżempju "hemmhekk" /æˈmæːk/ u fis-suffissi Rumanzi, kif tindika l-kelma "propjament" /prʊpjɐˈmæːnt/. Madankollu meta l-vokali /æː/ tidher

minflok il-fonema vokalika /ɐː/, ġeneralment tokkorri fejn tkun preżenti l-konsonanti siekta "għ", kif jiġri fil-verb "tagħmel" /ˈtæːmɪl/. Barra minn hekk, tajjeb jissemma l-uniku eżempju li nstab ("nogħrok" /ˈnæːrɪk/) fejn il-vokali /æː/ okkorriet minflok l-/ɔː/ tal-Istandard.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-vokali /ɐ/ u /ɐː/ fl-Imġarri għandhom distribuzzjoni li tixbah ħafna lil dik tal-Malti Standard, kif jixhdu l-kliem "imħabbtin" /ɪmhɐpˈtiːn/ u "nagħġa" /ˈnɐːdʒɐ/, rispettivament. Madankollu kif jindika l-verb "bela'" /ˈbala/, il-fonema vokalika /ɐ/ okkorriet ukoll minflok l-/ɛ/ tal-Istandard, fejn fil-maġġoranza tal-eżempji dehret l-armonija vokalika, sħiħa jew parzjali. Mill-banda l-oħra, il-vokali /ɐː/ f'din il-varjetà djalettali dehret minflok il-vokali f'oppożizzjoni għaliha /ɐ/ fi kliem polisillabiku. Ġie osservat li l-aktar eżempji komuni li nstabu b'din il-bidla vokalika kienu fejn ortografikament ikun hemm il-preżenza tal-konsonanti silenzjuża "għ", bħalma jidher fil-kelma "ngħaffeġ" /ˈnɐːffɪtʃ/. Barra minn hekk, instab l-eżempju "logħob" /lɐːp/ fejn din il-vokali okkorriet minflok dik warranija u ttundjata /ɔ/.

Il-vokali /ɔ/ u /ɔː/ fl-Imġarri wkoll għandhom realizzazzjoni li tixbah lil dik tal-Malti Standard, kif jidher f'"roqgħa" /ˈrɔʔɐ/ u "ħobż" /hɔːps/, rispettivament. Għaldaqstant, għalkemm l-eżempji ma kinux numerużi, il-vokali /ɔ/ f'din il-varjetà djalettali okkorriet ukoll minflok l-/ɐ/ u l-/ɪ/ tal-Istandard, kif jidher fil-kliem "ta" /tɔ/ u "tidra" /ˈtɔdrɐ/, rispettivament. Fil-każ tal-vokali /ɔː/, deher li fl-Imġarri tokkorri minflok il-vokali /ɐː/ tal-Istandard, bħalma jixhed il-verb "tah" /tɔːh/. Tajjeb jingħad li fir-rekordings ma tantx instabu okkorrenzi b'dan il-par vokaliku, bħalma ġara fil-każ tal-/ɛ/ u /ɛː/. Dan jista' jkun minħabba li dawn il-vokali mhumiex ġejjin mill-Għarbi, imma mit-Taljan.

B'kuntrast mal-vokali /ɔ/ u /ɔː/, il-fonemi /ʊ/ u /ʊː/ fl-Imġarri għandhom frekwenza komuni ħafna. Għalkemm dan il-par vokaliku fl-Imġarri jista' jokkorri bħal fil-Malti Standard, kif jidher fin-nom "numru" /ˈnʊːmrʊ/, l-okkorrenza tagħhom hija akbar f'kuntesti differenti. Tant hu hekk, li l-vokali /ʊ/ tista' tokkorri minflok l-/ɐ/, l-/ɪ/ u l-/ɔ/ tal-Istandard, bħalma jidher fil-kliem "batejt" /bʊˈtɐjt/, "nibża'" /ˈnʊbzɐ/ u "joqrob" /ˈjʊʔrʊp/, rispettivament. Apparti hekk, bħalma jixhed il-verb "nieħu" /ˈnʊhʊ/, l-/ʊ/ dehret ukoll fl-inflessjonijiet tal-verb, fejn il-kunjugazzjoni fl-Imġarri ssir permezz ta' din il-vokali minflok bl-/ɪː/, kif jiġri fl-Istandard. Min-naħa l-oħra, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-/ʊː/ okkorriet minflok l-/ɐː/ tal-Istandard, bħalma jiġri fin-nom "sinjali" /sɪnˈjʊːlɪ/. Madankollu, instab ukoll xi kliem fejn l-/ʊː/ tissostitwixxi

l-/ɔː/ tal-Malti Standard, kif iseħħ fil-kelma "filgħodu" /fɪˈlʊːdʊ/.

L-aħħar vokali li tappartjeni għad-djalett Imġarri hija l-/uː/, li wkoll tokkorri b'mod pjuttost frekwenti fid-djalett Imġarri. F'diversi kliem għandha realizzazzjoni li tixbah lil dik tal-Malti Standard, kif jidher fil-kelma "irħula" /ɪrˈhuːlɐ/, iżda f'oħrajn tista' tissostitwixxi l-/ɐː/, l-/ɔː/, l-/ʊ/ u anke l-/ʊː/ tal-Istandard. L-aktar eżempji komuni huma meta l-bidla vokalika saret mill-/ʊ/ tal-Malti Standard għall-/uː/, b'mod partikolari fil-pożizzjoni aħħarija tal-kelma, kif jidher fil-verb "naħmu" /nɛhˈmuː/. Fil-każ tat-tliet kuntesti l-oħra, l-eżempji ma tantx kienu numerużi. Madankollu meta l-/uː/ dehret minflok l-/ɐː/ u l-/ɔː/, din kienet ristretta għall-klitiks tal-verbi, kif jixhdu l-verbi "taraha" /tɐˈruːwɐ/ u "jużahom" /jʊˈzuːwɪm/, rispettivament. Interessanti li l-kelliema tal-Imġarri ma jistgħux jagħmlu użu mill-iperkorrezzjoni bħalma jagħmlu diversi Maltin meta jlissnu kliem bħal "tordnaha" /tɔrdˈnɐhhɐ/ permezz tal-faringali /ħ/. Apparti minn hekk, din il-vokali warranija dehret ukoll minflok l-/ʊː/ tal-Istandard fl-ambjent tal-glottali /ʔ/, bħalma jidher fil-kelma "fuqu" /ˈfuːʔʊ/, jew fl-ambjent tal-faringali /ħ/, kif jiġri f'"jorbtuh" /jɔrpˈtuːh/.

5. Konklużjoni

Minħabba li din ir-riċerka djalettali kienet l-ewwel waħda fonetika u fonoloġika, ħarġu diversi osservazzjonijiet interessanti dwar id-djalett tal-Imġarr. L-ewwel nett ġie stabbilit li din il-varjetà djalettali tħaddan ħmistax-il vokali f'oppożizzjoni. Minkejja li s-sistema vokalika tad-djalett Imġarri hija identika għal dik tad-djalett ta' Ta' Sannat u t'Għajnsielem, permezz tal-analiżi fonoloġika deher kif kull vokali titħaddem b'mod tipiku għal dan id-djalett mitkellem fil-Punent ta' Malta. Barra minn hekk, mill-analiżi fonoloġika tal-vokali deher kif dan id-djalett għadu jħaddan ċertu elementi konservattivi, għalkemm hemm imnejn li xi aspetti fonetiċi li baqgħu jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra, bdew jonqsu. Fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' dan l-istudju deher kif dan id-djalett huwa mogħni b'karatteristiċi tipiċi, li jiddistingwuh minn varjetajiet djalettali oħra.

Referenzi

Azzopardi-Alexander, M. "The Vowel System of Xlukkajr and Naduri." F'S. Caruana, R. Fabri u T. Stolz (Ed.), *Variation and Change: The Dynamics of Maltese in Space, Time and Society,* pp. 235-254. Berlin: Akademie Verlag GmbH, 2011.

Eckert, P. "Age as a Sociolinguistic Variable". F'F. Coulmas (Ed.), *The Handbook of Sociolinguistics.* Oxford u Cambridge, MA: Blackwell Publishing, 1998.

Evans Wagner, S. "Age Grading in Sociolinguistic Theory." *Language and Linguistics Compass,* pp. 371-382. Sors miġjub fl-2012 minn https://pdfs.semanticscholar.org/50e4/69d10809529292497f7af73d8cf11306 98cc.pdf

Farrugia, R. *Aspetti soċjolingwistiċi fid-djalett ta' Sannat u s-sistema vokalika tiegħu.* Teżi tal-Baċellerat. Malta: l-Università ta' Malta, 2010.

Fasold, R.W, u Connor-Linton, J. *An Introduction to language and linguistics* (Is-6 edizzjoni). L-Ingilterra: Cambridge University Press, 2013.

Gibbon, D. "Can there be Standards for Spontaneous Speech? Towards an Ontology for Speech Resource Exploitation." *Linguistic Patterns in Spontaneous Speech,* pp. 1- 25. Taiwan: Universität Bielefeld, 2009.

Grech, D. *Aspetti Soċjolingwistiċi tad-Djalett t'Għajnsielem u s-Sistema Vokalika Tiegħu.* Teżi tal-Baċellerat. Malta: l-Università ta' Malta, 2019.

Incorvaja, W. *Ix-Xlukkajr: Is-Sistema Vokalika u Differenzi Lessikali.* Teżi tal-Baċellerat. Malta: l-Università ta' Malta, 2007.

Revell, E. "The Occurrence of Pausal Forms." *Journal of Semitic Studies* LVII/2 , pp. 213-230. Sors miġjub fl-2012 minn https://www.researchgate.net/publication/273035754_The_Occurrence_of_Pausal_Forms

Starks, D., u McRobbie-Utasi, Z. "Collecting sociolinguistic data: Some typical and some not so typical approaches." Sors miġjub f'Jannar 2001 minn https://www.researchgate.net/publication/238597129_Collecting_sociolinguistic_dat a_Some_typical_and_some_not_so_typical_approaches.

Il-Kunċett tal-Universalità fil-Letteratura

Student:
Matthew Chappell

Tutur:
Prof. Adrian Grima

1. Daħla

Dan l-istudju jiddiskuti l-kunċett tal-universalità fl-arti u fil-letteratura u jipprova jidentifika, permezz tat-teorija, xenarji u modi differenti kif tista' tintlaħaq l-universalità. Fil-letteratura, il-"maġija" letterarja u l-ħila unika tal-awturi għandhom il-possibbiltà li jittrasformaw ix-xogħol fi prodott universali.

2. It-tema tal-universalità fl-arti

It-terminu "universalità" jfisser il-ħila ta' entità jew oġġett li jivvjaġġa lejn territorji oħrajn. Għalhekk, jimplika li l-entità jew oġġett kapaċi jiddistakka ruħu mill-paradigma "magħluqa" tan-nazzjon. Għal Paul Jay l-attenzjoni ewlenija m'għandhiex tkun fuq x'inhuma l-karatteristiċi li jiddistingwu l-letteratura Ingliża jew Franċiża, iżda fuq ir-relazzjoni tal-letteratura inġenerali man-nazzjon, fuq kif il-letteratura ntużat sabiex tintlaħaq xi tip ta' definizzjoni tan-nazzjon innifsu. B'dan il-mod jinxteħet dawl fuq l-irwol tal-letteratura f'din l-attività globali (42). Mill-Illuminiżmu 'l hawn, it-teorija letterarja ppreżentat il-letteratura bħala kitba li wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha huwa li tgħolli l-post li fih twieldet. Hija letteratura li trodd "il-poter" lin-nazzjon. Din l-idea madankollu ma tippreżentax ix-xogħlijiet letterarji fl-istat naturali tagħhom għaliex il-letteratura, kif jgħid Jay, mhix marbuta biss mal-kawża nazzjonali iżda tieħu direzzjonijiet differenti għax hija "*multidirectional*" (42). "*We need to continue to reorganize the study of literature in ways that move us beyond the outmoded nationalist paradigm in which we still operate*" (42). Ngħidu aħna r-rumanz storiku, minkejja li għandu kwalitajiet li jippreżentaw sew it-territorju tiegħu, għax wara kollox dik kienet waħda mill-intenzjonijiet tar-rumanz ta' dak iż-żmien, mhux xieraq li norbtuh biss mal-kawża nazzjonali, għax għandu kwalitajiet oħrajn li kapaċi jaqtgħuh mill-post tiegħu u jagħtuh dimensjonijiet usa'. F'*Ineż Farruġ,* mill-partikularità tal-persekuzzjoni ta' familja, ngħaddu għal qagħda aktar universali li tippreżenta l-persekuzzjoni ta' pajjiż taħt ħakma barranija. Il-familja ta' Farruġ f'Malta ssir poplu universali. Jiġifieri minkejja li x-xogħol ta' Caruana għandu aspetti li jorbtuh direttament ma' Malta jista' wkoll jiġi interpretat minn perspettiva universali. L-istess jidher f'Dun Karm illi bħala poeta nassoċjawh man-nazzjonaliżmu u l-patrijottiżmu Malti. Minkejja li parti importanti mil-letteratura tiegħu hija eloġju lil Malta, fil-qalba tax-xogħlijiet tiegħu jiddiskuti temi universali bħalma huma l-Kristjaneżmu, ir-relazzjoni tal-bniedem mal-ambjent rurali u urban, l-iben u l-omm, u l-maternità u l-iżvilupp tagħha f'dimensjonijiet differenti. Dawn l-argumenti m'għandhomx x'jaqsmu biss ma' Malta. Ir-rakkont awtobijografiku *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* jintrabat ma' Malta għaliex Immanuel Mifsud jagħmel bosta referenzi għal postijiet u ġrajjiet marbutin ma' Malta imma min-naħa l-oħra jipparteċipa f'avventura lil hinn mill-post li fih inkiteb ix-xogħol għaliex jipprova jesplora l-maskulinità u l-paternità.

Il-problema għal Szeman u O'Brien hija li *"the nation has remained the frame within which the meaning and significance of a text are thought to be spatially located"* (605), għaliex il-qari tal-letteratura jista' jillimita ruħu għall-ambjentazzjoni tax-xogħol imma jista' wkoll, kif jgħid Jay, jaqbad direzzjonijiet differenti.

L-għan tiegħi mhuwiex li nipprova nistabbilixxi xi tip ta' definizzjoni assoluta tal-universalità jew nagħti tweġiba diretta għall-mistoqsijiet dwar is-suġġett. Għalhekk, ma nistax niġbed konklużjoni dwar jekk jistax jintlaħaq qbil fuq l-universalità fl-arti, anzi nġib argumenti sabiex nuri li dan il-fenomenu m'għandux ikollu konklużjoni. Hija n-natura tal-kunċett stess li ma titlobx konklużjoni, bħalma m'hemmx konklużjoni għall-mistoqsija l-kbira dwar x'inhi l-arti. Jekk għad naslu għal konklużjoni, ifisser li l-kunċett tilef ruħu u ma baqax dinamiku. L-uniku qbil li jista' jintlaħaq huwa li kull tip ta' xogħol letterarju għandu l-kapaċità li jikkomunika mal-bniedem għaliex b'dan il-mod l-arti tibqa' ħajja. L-idea tal-universalità tkiddu sew lill-bniedem għaliex jaħkmuh id-dilemmi l-kbar dwar kif xogħol letterarju jista' jkollu l-kapaċità li jgħix fi spazju għalih waħdu, jew aħjar kif jgħid Croce f'"intuwizzjoni kosmika." Meta ngħid "fi spazju għalih waħdu" m'iniex infisser li l-letteratura tgħix ġo vakwu iżda li għandha l-kapaċità li tgħammar f'kull post u f'kull żmien. L-arti, b'mod ġenerali, tinsab f'komunikazzjoni kontinwa magħna, il-pittura bil-kuluri, il-mużika bil-melodiji, u l-letteratura bil-kliem.

Fil-ħarsa ġenerali lejn il-letteratura, il-mużika, il-pittura u l-arkitettura, nagħti eżempji differenti sabiex nuri kif l-argument dwar l-universalità jista' jieħu xejriet differenti u jiġi applikat għall-forom kollha tal-arti. Fil-każ tal-mużika, din għandha relazzjoni mill-qrib ħafna mal-emozzjoni tal-bniedem għaliex bħalma naraw fil-films, il-mużika hija l-iktar forma ta' arti li tmiss direttament lill-individwu. Fl-osservazzjoni tiegħi dwar il-letteratura, nagħmel referenza għal Charles Larson għaliex meta qabbel il-letteratura Afrikana ma' dik Ewropea, ħarġu opposti interessanti għaliex dak li hu modern jew komuni għan-nies tal-Punent, għal dawk tal-Afrika donnu qatt ma eżista (Larson, "Can Literature be Universal?"). Il-kulturi tal-post jistgħu jkunu ta' theddida għall-universalità għaliex kull kultura għandha sett ta' valuri, normi u drawwiet relattivament awtonomi u għalhekk l-użu tat-terminu "universalità" jista' juri ċertu nuqqas ta' responsabbiltà. Kull xogħol letterarju, minbarra li teknikament iħaddan mekkaniżmu sħiħ ta' organiżmi żgħar, huwa wkoll stampa tal-kultura tal-post u tal-valuri tal-

awtur jew l-awtriċi f'dak l-istess post. It-terminu "universalità," fih innifsu, diġà jindika li mhux terminu innoċenti biex wieħed jużah għal deskrizzjoni ta' xogħol. Sabiex xogħol ikun meqjus universali jrid qabelxejn isegwi dak il-proċess li jsemmi Friggieri, jiġifieri li l-oġġett partikolari jiġi "mmanipulat" mill-awturi u jinbidel f'emblema universali. Din l-idea tal-kultura hija kostruzzjoni tal-bniedem u għalhekk, għax il-bnedmin huma lkoll differenti, ħolqu sett ta' karatteristiċi distinti minn xulxin u bdew isejħulhom "kultura."

Permezz tal-mobilità, xogħol li nkiteb f'post jista' jilħaq irkejjen oħra tad-dinja. L-argument tiegħi hawnhekk huwa li mhix l-universalità li tagħmel xogħol applikabbli għal postijiet oħra iżda l-kwalitajiet speċjali ta' dan ix-xogħol li jeħduh fi vjaġġ globali. L-aktar perspettiva li assoċjajt ruħi magħha hija dik ta' Stephen Greenblatt għaliex jagħmel distinzjoni partikolari bejn il-mobilità u l-universalità ta' xogħol letterarju. Għal Greenblatt, il-kunċett tal-universalità huwa biss ħrafa u f'intervista tiegħu jitkellem fuq id-distinzjoni artistika bejn dak li hu universali u dak li kapaċi jiċċaqlaq minn post għal ieħor (Greenblatt 0:05-3.57). Ix-xogħol kapaċi jivvjaġġa iżda nkunu qed nissugraw jekk insejħulu "universali" għaliex diffiċli ħafna li jinqata' kompletament mill-post li fih issawwar. Ir-rakkont *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* għandu kwalitajiet b'saħħithom ta' mobilità għax jista' jiċċaqlaq 'il bogħod minn Malta iżda ma jfissirx li dan huwa universali għaliex il-kuntest Malti huwa prominenti sew. Xogħol letterarju jista' jkollu elementi u karatteristiċi li permezz tagħhom jista' jivvjaġġa minn post għal ieħor u minn żmien għal ieħor. Dawn l-elementi u karatteristiċi ma jagħmluhx "universali" b'xi mod maġiku jew misterjuż: huma kwalitajiet konkreti li għal raġunijiet storiċi kapaċi jfissru xi ħaġa, kapaċi jmissu l-qalb, kapaċi jsaħħru anki lil qarrejja fi mkejjen u żminijiet differenti.

3. L-estetika fil-prattika

Hawnhekk niffoka fuq kunċett aktar partikolari: li, skont Friggieri, l-estetika hija element determinanti fl-universalità ta' xogħol letterarju (4). L-estetika, fi kliem Terry Eagleton, hija esperjenza li ngħixuha kuljum tant li jsejħilha d-diskors tal-ġisem (*Ideology* 13). Huwa jirreferi għaliha b'dan il-mod għaliex oriġinarjament il-kelma "estetika," li ġejja mill-kelma Griega "*aisthetikos*," ma kellha ebda relazzjoni mal-arti, anzi kienet tfisser il-mod kif il-bniedem iħares lejn l-ambjent ta' madwaru. Kienet meqjusa bħala l-perċezzjoni umana u r-relazzjoni tagħha mas-sensi. Lil hinn mill-ħsieb, jgħid Eagleton, jeżisti territorju sħiħ li

mhu xejn inqas mill-eżistenza karnali tagħna mibnija fuq is-sensi biex nesperjenzaw istintivament id-dinja ta' madwarna. L-estetika għandha x'taqsam mal-eżistenza tal-bniedem fl-umanità primittiva tiegħu (*Ideology* 13). Il-ħsieb razzjonali ma jħallix lill-bniedem jaġixxi bl-istint. Il-ħsieb kważi kważi jxekkel l-istint bil-konsegwenza li jtellef mill-esperjenza sħiħa tal-estetika. Jekk l-estetika hija verament ħajja fis-soċjetà, is-soċjetà tiddeterminaha u tibdilha skont il-bidliet li tesperjenza. Għalhekk l-idea tal-estetika tevolvi mas-soċjetà. L-estetika hija għodda tal-universalità artistika u, minkejja li ma niddiskutix it-teorija fiha nnifisha (bħalma huma s-suġġettività u l-oġġettività tal-estetika), nesplora l-interrelazzjoni bejn il-kunċett innifsu u l-ħajja ta' kuljum. B'dan il-mod ma nkunx qiegħed infisser li ħajjitna tista' titqies bħala "arti," iżda essenzjalment hija bbażata fuq dak li hu sabiħ. L-estetika tmiss ma' sitwazzjonijiet u esperjenzi komuni mill-ħajja ta' kuljum mingħajr ma l-bniedem ikun konxju tagħha, mit-teatru, il-films, l-isports, il-mużika, u l-moda, sax-xjenza, il-politika u t-tisjir. Dan jidher ukoll fir-reklami tal-karozzi għaliex ebda karozza ma tidher maħmuġa, maħbuta jew fit-traffiku (Naukkarinen). It-turiżmu wkoll isegwi proċessi estetiċi għaliex ir-reklamar dejjem jippreżentalna stampi b'xeni u bajjiet mill-isbaħ, pajsaġġi ħodor, bliet antiki u bliet moderni, postijiet tajbin għall-mixi u muntanji li titpaxxa bihom.

L-estetika, għax għandha x'taqsam mas-sabiħ u l-veru, dejjem tipprova tqarribna lejn il-verità u għalhekk tinħoloq l-universalità artistika jew l-esperjenza estetika. It-teknika tal-arti li jinqdew biha l-poeżija, il-film u t-teatru twassalhom biex jinfetħu u jinħallu f'esperjenza estetika u universali. L-estetika ma tibqax biss xi ħaġa li ssaħħrek iżda ssir lenti "maġika" li biha naraw il-veru. Ngħidu aħna, jekk bħalissa qed naraw influss qawwi ta' bini, l-idea estetika u profonda fil-poeżija tippreżenta l-qagħda miskina ta' issa, iżda bl-iktar mod sabiħ u affaxxinanti li jolqotna minħabba l-mod kif inhu maħdum u mqiegħed il-kliem. Il-lingwa tinbidel f'lingwaġġ li jlaqqagħna wiċċ imb wiċċ mar-realtà vera u mhux illużorja. Fit-teatru, Bertolt Brecht ried juri l-"veru" billi joħloq it-teatru tiegħu, teatru li fil-membri tal-udjenza jqanqal ħsieb kritiku dwar il-qagħda li kienu jinsabu fiha fil-ħajja ta' kuljum tagħhom u b'hekk iwassal għal bidla soċjali. Il-valur estetiku tiegħu jispikka għaliex ħares lejn it-teatru minn żewġ perspettivi li jisfumaw f'xulxin: minn naħa ħoloq spettaklu mill-isbaħ għall-udjenza u min-naħa l-oħra ħares lejn it-teatru bħala għodda ta' trasformazzjoni. F'films bħal *A Girl in the River: The Price for Forgiveness* u *Saving Face*, l-ispunt estetiku jwassal

għal bidla soċjali: minkejja l-ħsieb politiku tagħhom, għamlu daqshekk suċċess minħabba l-estetika fil-ġbid innifsu tagħhom u l-veru li tittrasmetti l-esperjenza estetika joħroġ minnu (Chinoy, "How can artists lead dramatic social change?").

Il-bniedem jitwieled u jissawwar fil-kunċett innifsu tal-estetika. Kważi nasal ngħid li jitnissel mill-estetika għaliex kull ġudizzju li jagħmel, effettivament jagħmlu fuq kriterji estetiċi. Aħna, għax inkonxjament ninnamraw mal-idea tal-estetika, kapaċi niġġudikaw xi ħaġa mingħajr ma hemm il-bżonn li nkunu nifhmu f'dik il-ħaġa. Ngħidu aħna jekk wieħed jara karozza sabiħa, kapaċi jiġġudika s-sbuħija tagħha mingħajr ma jkun jifhem fil-mekkaniżmu sħiħ li bih taħdem il-karozza. Għalhekk, dan nistgħu nagħmluh għaliex l-estetika ma tinsabx fl-oġġett innifsu iżda fil-ġudizzju li aħna nagħtu. L-istess proċess jiġri fit-teħid ta' deċiżjonijiet li aħna nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.

4. It-tifsira moderna tal-universalità

F'din il-parti noqrob iktar lejn il-qalba tal-argumentazzjoni għaliex inħares lejn l-universalità minn perspettiva ferm differenti minn kif imdorrijin biha għaliex nagħmel referenza għal proċessi moderni, bħall-globalizzazzjoni, it-traduzzjoni, it-transnazzjonaliżmu u l-letteratura dinjija. Hawnhekk nispjega kif xogħol letterarju llum il-ġurnata, minħabba l-mezzi, jista' jsir "universali" f'ħakka t'għajn. Mill-argument tiegħi dwar l-universalità li tapplika, issa ser nitkellem dwar l-universalità "moderna" li tilħaq numri kbar ta' nies.

4.1 Il-Globalizzazzjoni u l-letteratura

Skont James Annesley fil-ktieb *Fictions of Globalisation,* it-testi letterarji, inkluża n-narrattiva fittizja, huma għodda tajba biex nanalizzaw il-globalizzazzjoni fiha nnifisha, il-proċessi tagħha u kif dawn flimkien jixħtu dawl fuq ir-realtà u l-kuntest soċjali u ekonomiku tal-post u lil hinn (163). Annesley jibni d-diskors tiegħu dwar il-proċessi tal-globalizzazzjoni fit-teknoloġija, il-kummerċ u l-migrazzjoni billi juża n-narrattiva Amerikana. Dawn it-tliet oqsma fin-narrattiva fittizja jintrabtu flimkien u f'dik ir-rabta jitwieled il-kumment globali. Ngħidu aħna *Moby Dick* ta' Melville jippreżenta l-industrija tal-kaċċa tal-baleni li fi żmienha kienet waħda stabbli u b'saħħitha (Annesley 88). Min-narrattiva jitwieled il-kumment globali għax l-esperjenzi ta' din l-industrija nistgħu napplikawhom għall-industrija tal-lum li bħall-kaċċa tal-baleni hija parti minn ċiklu

li ma japplikax għal dejjem, mhix sistema eterna. B'mod parallel, kif qabel il-baħar kien jiftaqar bil-qtil tal-baleni, illum jiftaqar bit-tniġġis li l-ħajja moderna ġabet magħha. Mhux biżżejjed li l-awturi jaqbdu temi universali. Sabiex joħolqu argument globali m'għandhomx biss jaqbdu tema li tapplika għall-globalizzazzjoni iżda jħarsu lejn kif il-proċessi tal-globalizzazzjoni jistgħu jsibu kompromess bejniethom fix-xogħol stess u kif għandhom jidħlu fit-tematika (Connell 79). Għalhekk, b'din is-sistema tinħoloq "il-letterarjetà tal-globalizzazzjoni" għax minflok jiġu diskussi temi globali, l-attenzjoni tkun fuq id-dinamika bejn il-proċessi nfushom flimkien man-narrattiva li qiegħda toħloq il-letteratura. Il-letteratura b'dan il-mod tista' tilħaq numri kbar ta' nies għaliex min-narrattiva fittizja jitwieled il-kumment fattwali u globali.

Idea oħra li tkellem fuqha Paul Jay fi *Global Matters: The Transnational Turn in Literary Studies* hija dik li tagħti kemm importanza lit-teknika tax-xogħol letterarju kif ukoll il-kuntest tal-oriġini tiegħu u x'wasslu biex jieħu din il-forma llum. Meta l-persuna ġġorr magħha fil-post il-ġdid il-kultura tagħha, awtomatikament iġġorr ukoll dawk l-affarijiet li s-soltu tikkonsma. Dan l-interess transnazzjonali jidher meta, pereżempju, awtur Amerikan ngħidu li għandu għeruq ta' immigranti Irlandiżi jew Taljani. L-implikazzjoni hi li l-letteratura tiegħu essenzjalment hi prodott ta' dawn il-kulturi nazzjonali differenti. Għalhekk jista' jkun li minħabba li fil-letteratura li jikteb jaf hemm l-influwenza tal-kultura li tnissel minnha, dan l-isfumar bejn il-kulturi u n-nazzjonijiet jagħmel ix-xogħol tiegħu globali. Fil-kitba tiegħu, konxjament jew inkonxjament ikun xorob mill-kulturi li tnissel minnhom.

4.2 L-użu tal-Ingliż u l-kolonjaliżmu tal-lingwa

L-Ingliż jikseb post ċentrali f'dan l-argument tal-globalizzazzjoni għaliex letteratura li tinkiteb b'din il-lingwa franka ewlenija, awtomatikament takkwista aktar popolarità minn letteratura li tinkiteb b'lingwa oħra bħall-Malti. Illum l-Ingliż huwa l-lingwa ewlenija tax-xjenza, tan-negozju, tal-ivvjaġġar, tat-teknoloġija, u tal-mezzi soċjali u l-aktar lingwa li tiġi ppubblikata f'kotba, gazzetti u forom oħra ta' kitba (Joy 83). David Crystal iqis din il-popolarità bħala waħda li ssib għeruqha fl-istorja, il-ġeografija, u l-kulturi (29). Illum il-ġurnata niddependu mill-Ingliż u dan jidher, ngħidu aħna, fil-kumpaniji u l-industriji tat-teknoloġija (Crystal 30). L-Ingliż mess kull rokna tad-dinja u dan wassal żviluppi pożittivi, bħas-sens ta' għaqda li lingwa franka

ġġib magħha, u żviluppi negattivi, bħall-mod kif jista' jibla' l-lingwi tal-post. Mingħajr ma jrid, l-Ingliż diffiċli jaqdi l-funzjoni ta' medjatur letterarju dinji indipendenti, kemm minħabba l-wirt kolonjali li hu marbut miegħu kif ukoll minħabba l-poter li jikseb bħala lingwa dominanti li tidher li qed toħnoq kulturi indiġeni jew tal-post. Il-fokus huwa fuq kif l-Ingliż ħa jinfetaħ lil hinn mil-letteratura Anglofona mingħajr ma jagħmilha tal-ħakem (Jay 40).

Id-dominanza tal-Ingliż qed tikber. Il-punt, madankollu, jibqa' li l-Ingliż, irid jew ma jridx, "jikkolonizza" l-letteratura tal-post. Meta ngħid 'forza kolonjali' m'iniex nirreferi għal kontroll assolut għax xorta waħda teżisti l-libertà fit-tipi differenti ta' letteratura madwar id-dinja. Venuti (ikkwotat f'Joy) jistqarr li llum il-ġurnata l-Ingliż awtomatikament jassumi li jekk għandha ssir traduzzjoni ta' xogħol letterarju, din għandha ssir bl-Ingliż. F'din is-sitwazzjoni, il-lingwa "universali" tasal tassorbi letteraturi oħrajn sabiex tintlaħaq din l-idea "globali." L-opportunità biex letteratura ta' post partikolari tinfirex u ssir globali hija ħafna inqas minn dik ta' letteratura mifruxa sew bħal dik Ingliża (jew Spanjola), u għalhekk il-firxa tal-Ingliż qed toħnoq l-ispazju għal letteraturi oħrajn. Jista' jkun li din id-dominanza ġejja l-aktar mill-fatt li jsiru ħafna traduzzjonijiet ta' xogħlijiet letterarji għall-Ingliż u Damrosch saħansitra jistqarr, f'intervista ma' Spencer Lee Lenfield, li għandhom isiru saħansitra iżjed. Minn banda dan jista' jwassal għal nuqqas ta' varjetà u mill-banda l-oħra lingwa franka bħall-Ingliż tista' tesponina għal lingwi u letteraturi illi kieku ma konniex nagħtu kashom u ma kienx ikollna aċċess għalihom.

4.3 Il-letteratura dinjija

Irridu nqisu wkoll ir-relazzjoni bejn il-letteratura dinjija u universali għaliex meta xogħol jiġi tradott għal lingwa franka ewlenija, din il-lingwa tqarreb lejn xulxin żewġ kulturi differenti, ikun fejn ikun il-post fejn issawwar ix-xogħol. B'dan il-mod jista' jinqara b'lingwa magħrufa f'artijiet differenti u jilħaq l-akbar għadd ta' nies. "*We must believe in poetry translation,*" jgħid Tomas Tranströmer (ikkwotat minn Parks), "*if we want to believe in world literature.*" Permezz tat-traduzzjoni letterarja jitwieled ċiklu letterarju li fih isseħħ l-interazzjoni sabiħa bejn it-testi nfushom.
Ir-rabta mill-qrib bejn il-letteratura universali u dinjija titkellem fuqha wkoll Pascale Casanova għaliex hija ma temminx li hemm letteratura universali u letteratura tal-post. Casanova temmen li jeżisti "spazju dinji letterarju" li jissawwar bejn il-letteratura u d-dinja. Dan l-ispazju awtonomu jiġbor fih influwenzi

politiċi, soċjali u etniċi mid-dinja kollha (72). Dawn jittrasformaw ruħhom f'forom letterarji li eventwalment joħolqu dinja oħra li tmur lil hinn mill-fruntieri politiċi, nazzjonali u lingwistiċi tal-post. F'dan il-punt tinħoloq dik li Casanova ssejħilha "perspettiva dinjija" li tagħti l-opportunità li tħares lejn il-letteraturi b'mod wiesa' u ndaqs. Għalhekk, Casanova tħares lejn il-letteratura dinjija minn perspettiva universali għaliex fl-interpretazzjoni tagħha tiċħad l-idea tan-nazzjon u tipproponi l-ħolqien ta' dinja oħra li ma jkollhiex x'taqsam mal-postijiet infushom, jiġifieri l-letteratura tkun id-dinja nnifisha, dinja għaliha. Il-letteratura dinjija li qed titkellem fuqha hija "*a market where non-market values are traded, within a non-economic economy,*" letteratura li "titkejjel permezz ta' skala estetika taż-żmien" (72).

5. Konklużjoni

L-għan tiegħi huwa li kemm jista' jkun inqajjem argumenti differenti dwar il-kunċett tal-universalità tal-letteratura li s'issa, fil-Malti, ftit li xejn kellna diskors għaddej dwaru. Ma kelli ebda skop li niddeċiedi jekk il-letteratura tistax titqies universali għaliex in-natura tal-kunċett minnha nnifisha titlob ftuħ u mhux għeluq. Il-kulturi jkomplu jagħtu "l-poter" lill-idea tan-nazzjon; l-idea li d-dinja tinqasam f'partijiet differenti tiddetermina wkoll il-ħolqien ta' letteratura partikolari skont dik il-kultura. In-natura tal-letteratura ma titlobx li tgħix waħedha iżda li jkollha post ċentrali fl-attivitajiet tal-bnedmin u għalhekk dawn l-attivitajiet (li huma wkoll parti minn kultura ta' komunità wiesgħa) jista' jkollhom sehem fit-tiswir tax-xogħol innifsu. It-twelid ta' dinja "kklassifikata" f'nazzjonijiet differenti daqslikieku huma separati minn xulxin tista' tkun ukoll ta' theddida għall-kunċett tal-universali. L-aktar perspettiva li nassoċja ruħi magħha hija dik tal-mobilità għaliex hawn titwieled id-distinzjoni bejn il-mobilità u l-universalità ta' xogħol letterarju. Ix-xogħol kapaċi jivvjaġġa, jiġifieri jkun mobbli, iżda nkunu qed nissugraw jekk insejħulu universali għaliex ma nemminx li x-xogħol jista' jinqata' kompletament mill-post li fih issawwar. Dan ifisser li xogħol letterarju, tajjeb kemm huwa tajjeb, jista' jkollu kwalitajiet b'saħħithom ta' mobilità minħabba li jista' jiċċaqlaq 'il bogħod minn Malta iżda dan ma jfissirx li huwa universali għaliex xorta waħda jkollu karatteristiċi moħbijin jew referenzi diretti għall-post li fih inkiteb.

Biblijografija

Annesley, James. *Fictions of Globalization: Consumption, the Market and the Contemporary American Novel*. A&C Black, 2006.

"Can Art be Universal?" *Youtube*. Intervista ta' Stephen Greenblatt. Imtellgħa minn Big Think, 29 ta' Ġunju, 2012.

Casanova, P. "Literature as a World." *New Left Review*, Nru. 31, 2005, pp. 71-90. wwwmanagement.wharton.upenn.edu/raff/documents/CasanovaLitasWorld.pdf. Aċċessat fil-5 ta' Marzu 2020.

Crystal, David. *English as a Global Language*. Cambridge UP, 2012.

Damrosch, David. *What is World Literature? Princeton* UP, 2003.

Connell, Liam. "Global Narratives: Globalisation and Literary Studies." *Critical Survey*, vol. 16, nru 2, 2004, pp. 78-95, doi:10.3167/001115704782351672.

Eagleton, Terry. *The Ideology of the Aesthetic* . Blackwell Publishers, 8 ta' Frar, 1990.

Friggieri, Oliver. *L-Idea tal-Letteratura*. Bugelli, 1986.

Jay, Paul. *Global Matters: The Transnational Turn in Literary Studies*. Cornell UP, 2014.

Joy, Shaira May. "Globalisation and Literature." *Academia*, pp. 29-103. www.academia.edu/30226590/Chapter_Two_Globalization_and_Literature. Aċċessat fid-29 ta' Marzu 2020.

Larson, Charles. "Heroic Ethnocentrism: The Idea of Universality in Literature." *The American Scholar*, vol. 42, nru 3, 1973, pp. 463-475. www.jstor.org/stable/41207133. Aċċessat fis-6 ta' Settembru 2019.

Naukkarinen, Ossi. "Aesthetics and Mobility – A Short Introduction into a Moving Field." *Aesthetics and Mobility*, vol. 1, 21 ta' Diċembru 2005. Contemporary Aesthetics, www.contempaesthetics.org/newvolume/pages/article.php?articleID=350.

O'Brien, Susie, u Imre Szeman. "Introduction: The Globalization of Fiction/the Fiction of Globalization." *The South Atlantic Quarterly*, vol. 100, nru 3, 2001, pp. 603-626. www.warwick.ac.uk/fac/arts/english/currentstudents/undergraduate/module s/fulllist/special/globalnovel/100.3obrien.pdf. Aċċessat fis-26 ta' Frar 2020.

Obaid Chinoy, Sharmeen. "How can Artists Lead Dramatic Social Change?" World Economic Forum, 4 ta' Jannar, 2017. www.weforum.org/agenda/2017/01/how-can-artists-lead-dramatic-socialchange/. Aċċessat fit-28 ta' Ottubru 2019.

Parks, Tim. "Translating in the Dark." The New York Review of Books, 30 ta' Novembru, 2011. www.nybooks.com/daily/2011/11/30/translating-dark/. Aċċessat fl-20 ta' Marzu 2020.

Il-Varjazzjoni Interna f'Erbat Ibliet Maltin

Studenta:
Diane Cutajar

Tutur:
Dr Michael Spagnol

1. Daħla

Mir-riċerka li saret dwar il-varjazzjoni lingwistika fil-gżejjer Maltin nafu li minn lokalità għal oħra l-lingwa tvarja mhux biss fonetikament u fonoloġikament iżda grammatikalment u lessikalment ukoll. Kienu ftit l-istudji li ħarsu lejn il-varjazzjoni fi ħdan il-lokalità u għalhekk fir-riċerka tiegħi pruvajt b'mod sistematiku nwieġeb dawn iż-żewġ mistoqsijiet: Huwa minnu li nsibu varjazzjoni fl-istess lokalità? Jekk iva, kemm hi qawwija l-preżenza tal-varjazzjoni interna?

2. Xi nkiteb dwar il-Varjazzjoni Lingwistika

Milroy (2005) jargumenta li t-trasmissjoni tal-lingwa hija proċess soċjali għax tgħaddi minn persuna għal oħra, minn grupp għal ieħor, u minn ġenerazzjoni għal oħra u allura l-varjazzjoni lingwistika tiġi trasmessa bl-istess mod fil-kuntest soċjali. Borg (2011) jispjega li meta fil-varjetajiet ta' lingwa jkun hemm differenzi fuq il-livelli lingwistiċi kollha, dawn jissejħu "djaletti", f'kuntrast mal-"aċċenti": varjetajiet b'differenzi fil-ħoss biss. Abbażi ta' numru ta' eżempji, Borg jikkonkludi li fil-kuntest lokali nistgħu nitkellmu dwar differenzi djalettali.

2.1. Il-Varjazzjoni Fonetika

Il-varjazzjoni fuq il-livell fonetiku tirreferi għad-differenzi fl-artikolazzjoni tal-vokali u tal-konsonanti u kif dawn jitlissnu waħedhom jew f'kuntest partikolari. Robinson (2019) jagħti eżempju mill-Ingliż Britanniku b'pari bħal *book/buck* u *look/luck* biex jispjega kif il-kelliema min-naħa tat-Tramuntana u min-naħat iktar lejn in-nofs tal-Ingilterra jippronunzjawhom bħala omofoni bix-xufftejn iktar ittundjati, u ma jiddistingwux bejniethom. Min-naħa l-oħra, kelliema min-naħa tan-Nofsinhar jippronunzjaw il-vokali f'pożizzjoni iktar newtrali.

Fil-kuntest lokali, Borg (1988) jagħti eżempji bħall-varjant min-Nadur [tɐˈbʊjp] f'kuntrast mal-forma fl-Istandard [tɐˈbiːp] u [zɐrˈbɐʊn] fil-varjetà mitkellma f'Ta' Kerċem f'kuntrast ma' [zɐrˈbuːn] fl-Istandard. F'xi varjazzjonijiet djalettali nstab repertorju vokaliku differenti minn dak fil-Malti Standard (Borg u Azzopardi-Alexander, 1997), ngħidu aħna, waqt li fl-Istandard insibu ħdax-il oppożizzjoni vokalika, Farrugia (2016) sab li n-Naduri għandu erbatax, mentri s-Sannati jħaddan ħmistax-il waħda.

Minkejja li inqas komuni, insibu wkoll differenzi f'xi fonemi konsonantali. Vanhove (1991) issib li f'idjolett fl-Imtaħleb għadha tintuża l-fonema faringali /ʕ/ fi kliem bħal [ˈyɪrʕɐ] (*jirgħa*) u [ʕɐːˈdʒiːn] (*għaġin*).

2.2. Il-Varjazzjoni Morfosintattika

Lokalment għandna wkoll evidenza ta' varjazzjoni grammatikali, kemm fil-morfoloġija kif ukoll fis-sintassi. Jekk nieħdu l-plural bħala eżempju, insibu li l-Malti juża żewġ sistemi: il-plural sħiħ u l-plural miksur (Bugeja, 2018; Farrugia, 2013). Borg (1988) sab xi varjanti tal-plural li mhumiex standard, fosthom il-plural miksur *prieter* minflok *purtieri* fin-Nadur u *sfieter* minflok *sefturi* f'San Ġiljan.

Barra minn hekk, fil-Malti Standard insibu kostruzzjoni sintattika biex infissru l-progressiv jew drawwa ristretta, eżempju *qed imur*. Fl-Istandard in-negattiv jinbena biż-żieda ta' *mhux*, eżempju *mhux qed imur*, iżda fid-djalett tal-Imġarr jintuża ċ-ċirkumfiss tan-negattiv ma' *qed*, ngħidu aħna *ma qedx imur* (Camilleri Grima, 1987).

2.3. Il-Varjazzjoni Lessikali

Il-varjazzjoni lessikali tirreferi għall-varjazzjoni fil-kliem u t-tifsir tiegħu (Radford, Atkinson, Britain, Clahsen, u Spencer, 2009). Borg (2011) jikklassifika l-varjazzjoni lessikali fi tnejn: fl-ewwel grupp insibu varjanti li jirreferu għall-istess entità bħal *denfil* fl-Istandard u *ljun il-baħar* fix-Xlukkajr, waqt li fit-tieni grupp insibu każijiet ta' kelma waħda li tibdel it-tifsir f'varjetajiet differenti, ngħidu aħna *boxxla* fl-Istandard tirreferi għal *compass* mentri f'ħafna djaletti tirreferi għal antiporta.

Geeraerts (1994) jikklassifika l-varjazzjoni lessikali f'erba' tipi, b'eżempji mill-qasam lessikali tal-ilbies. Jibda bil-varjazzjoni semasjoloġika li tiġbor kliem li kapaċi jkollu bosta tifsiriet, jiġifieri jmur lil hinn mill-idea ristretta u ġenerali li jġorr miegħu, ngħidu aħna l-kelma *pants* li tirreferi għal kwalunkwe tip ta' qalziet. Fit-tieni tip ta' varjazzjoni, li hu jsejħilha varjazzjoni onomasjoloġika, l-istess referent jista' jissejjaħ b'għadd ta' termini li huma semantikament distinti, eżempju *pants, jeans* u *trousers*. It-tielet tip jittratta l-varjazzjoni formali, li turi kif l-istess tip ta' referent jista' jissejjaħ bi kliem li jista' jkun semantikament l-istess jew differenti, ngħidu aħna d-differenza bejn *pants* u *trousers* mhix daqstant semantika imma stilistika. L-aħħar tip li jiddistingwi hu l-varjazzjoni kuntestwali. Jgħid li l-preferenza li tifsira tiġi espressa b'forma u mhux oħra jaf tkun riżultat tal-influwenza ta' fatturi kuntestwali, bħal sitwazzjoni partikolari li titlob mill-kelliem stil ta' taħdit tekniku jew formali.

3. Il-Fatturi Soċjolingwistiċi

Insibu numru ta' proċessi ekstralingwistiċi li jwasslu għall-varjazzjoni lingwistika, li l-kelliema mhux dejjem ikunu konxji tagħhom. F'dan l-istudju nħares fid-dettall lejn tlieta minn dawn il-fatturi soċjolingwistiċi: is-sess, l-età u l-ġeografija.

3.1. Is-Sess

Numru ta' studji soċjolingwistiċi jidentifikaw is-sess bħala fattur soċjali sinifikanti ħafna fl-istudju tal-varjazzjoni lingwistika u l-iżvilupp

tal-lingwa. Eckert (1989) jgħid li l-irġiel u n-nisa fi ħdan l-istess soċjetà jesperjenzaw il-ħajja, il-kultura u s-soċjetà nnifisha b'modi differenti. Mir-riċerka tiegħu, Labov (1990) jgħid li n-nisa jħaddnu l-idea ta' prestiġju iktar mill-irġiel u jitkellem dwar tendenza li l-irġiel jużaw aktar forom mhux-standard waqt li n-nisa jippreferu l-istandard għax iqisuh aktar ta' prestiġju. Lakoff (1973) tosserva li xi vokabularju, eżempju dak marbut mal-kuluri missellef mill-Franċiż, bħal *mauve, lavender* u *magenta,* ma jintużax mill-irġiel għax jitqies "femminili".

Lokalment ukoll insibu differenzi lessikali bejn l-irġiel u n-nisa. Busuttil (2013), għall-istudju tagħha dwar il-qasam lessikali tax-xagħar, tagħżel informanti kollha nisa minħabba li dawn ġeneralment ikollhom xagħarhom itwal u allura jkunu midħla ta' iktar stili u iktar espressjonijiet mill-irġiel. Fi studju dwar ir-reġistru tal-ilbies, Camilleri (2015) josserva li ġeneralment l-irġiel jinqdew b'termini ġenerali bħal ġakketta, waqt li n-nisa aktarx li jkunu iktar speċifiċi u jagħmlu distinzjoni bejn tipi ta' oġġett, b'termini bħal ġakketta tal-fur u ġakketta twila.

3.2. L-Età

Il-kelliema ta' lingwa jadottaw lingwaġġ li jkunu esposti għalih, u għalhekk, ma nistgħux nippretendu li l-lingwaġġ ta' żewġ ġenerazzjonijiet ikun l-istess għax jgħixu fi żminijiet differenti u jesperjenzaw żviluppi differenti (Coulmas, 2005; Holmes, 2013). Ngħidu aħna, il-ġenerazzjoni anzjana kienet esposta għal riżorsi u makkinarju differenti mit-tip ta' teknoloġija li ż-żgħażagħ qed jikbru biha llum, allura l-għarfien ta' lingwaġġ vast u tekniku taż-żewġ ġenerazzjonijiet se jkun f'oqsma li huma familjari magħhom.

Cassar (2013), fit-teżina tagħha dwar il-varjazzjoni lessikali fil-qasam tal-ħelu, tikkonkludi li varjanti bl-Ingliż bħal *bajd tal-Easter, croissant* u *cupcake* kienu iżjed komuni fil-lingwaġġ taż-żgħażagħ. Sitwazzjoni simili toħroġ ukoll fix-xogħol ta' Borg (2016) li jistħarreġ il-varjazzjoni lessikali fil-qasam tal-futbol bejn żewġ ġenerazzjonijiet. Josserva li ż-żgħażagħ għandhom tendenza jużaw iktar termini mill-Ingliż, bħal *ippassja, away* u *friendly,* waqt li l-adulti jużaw iktar termini bil-Malti, bħal *qassam, barra minn daru* u *logħba ta' ħbiberija,* rispettivament. L-użu tal-Ingliż hu aktar komuni fost iż-żgħażagħ aktarx minħabba li din il-ġenerazzjoni hi iżjed esposta għal din il-lingwa, b'sorsi bħat-televixin, il-mezzi soċjali u l-ivvjaġġar.

3.3. Il-Ġeografija

Illum il-ġurnata, iċ-ċaqliq minn post

għal ieħor u minn pajjiż għal ieħor żdied, u bla dubju dan huwa fattur importanti li qed iħalli effett fuq kull qasam tal-lingwa (Crystal, 2010). Huma u jħarsu lejn djaletti mitkellma f'ambjenti rurali, Chambers u Trudgill (1998) josservaw li aktar ma l-kelliema jkunu ġeografikament distinti, aktar ikollhom differenzi fil-lingwaġġ tagħhom.

Minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin, minn raħal għal ieħor insibu l-varjazzjoni lingwistika. Bosta studji juru li fi rħula differenti l-lingwaġġ jinbidel fuq il-livelli lingwistiċi kollha. Studju ta' Attard u Spagnol (2014) jistħarreġ kif il-lingwa tvarja skont il-fattur soċjolingwistiku tal-ġeografija, b'ħarsa speċifika lejn il-varjazzjoni lessikali bejn il-Malti Standard u l-Għawdxi, li jiġbor fih il-varjetajiet djalettali mitkellma f'Għawdex. Mill-istudju joħorġu numru ta' varjanti li jixhdu l-preżenza tal-varjazzjoni lessikali, eżempju għat-termini *labra tal-inxir*, *ħasira* u *antiporta* fil-Malti Standard, l-Għawdxin jużaw it-termini *ċombin*, *purtiera tal-qasab* u *boxxla*, rispettivament.

4. Il-Metodoloġija

Għal dan l-istudju użajt metodu kwantitattiv. Ifformulajt kwestjonarju li jinqasam fi tnejn: parti li tistħarreġ il-varjazzjoni lessikali u parti iżgħar li tiffoka fuq il-varjazzjoni morfosintattika, b'mod partikolari tal-plural u tal-komparattiv. L-ewwel parti fiha 32 stampa ta' oġġetti jew azzjonijiet ġenerali. Għażilt oġġetti li kont konxja li għandhom xi varjanti jew li sibthom fi studji oħrajn. L-informanti riedu jagħtu t-terminu li bih jirreferu għal kull stampa. Il-parti grammatikali, imbagħad, hi maqsuma fi tnejn: parti bi stampi li juru ħafna mill-istess tip ta' oġġett, biex nosserva l-varjazzjoni fil-plural, u l-parti l-oħra turi żewġ stampi għal kull terminu biex bihom nistħarreġ il-komparattiv. Peress li dan l-istudju jiffoka qabelxejn fuq il-livell lessikali, il-parti tal-kwestjonarju ddedikata għall-grammatika hi verament żgħira.[1]

Għal dan l-istħarriġ ma nintrabatx ma' qasam lessikali wieħed. Peress li nispeċifika fuq il-varjazzjoni interna, kienet tkun diffiċli li nsib numru ta' parteċipanti midħla ta' qasam partikolari fil-partijiet magħżula ta' kull belt. Għalhekk għażilt total ta' 80 kelliem/a minn kull qasam tal-ħajja u li huma mqassma kif jidher fit-tabella li ġejja. Il-parteċipanti minn kull żona kienu maqsumin indaqs bejn irġiel u nisa.

[1] Il-kwestjonarju jinsab f'Appendiċi B tat-teżina tiegħi, f'pp. 92-135.

Tabella 1: Id-Distribuzzjoni tal-Parteċipanti

80 Parteċipant/a							
20 Ħal Qormi		20 Iż-Żejtun		20 Ħaż-Żebbuġ		20 Ir-Rabat, Għawdex	
10 San Ġorġ	10 San Bastjan	10 Ir-Raħal ta' Fuq	10 Ir-Raħal t'Isfel	10 Ħal Mula	10 Ħal Muxi	10 Wara San Franġisk	10 Wara Santu Wistin

5. L-Analiżi

Għall-fini ta' dan l-istudju, il-varjazzjoni nħares lejha minn żewġ angoli. F'ħafna mill-każijiet, fuq naħa nsibu qbil assolut jew kważi qbil dwar l-użu tal-istess terminu, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra joħorġu numru ta' varjanti. It-tieni tip ta' varjazzjoni hi ferm iktar minima imma iżjed qawwija. Hawn insibu li fuq iż-żewġ naħat, il-maġġoranza tal-parteċipanti jaqblu dwar terminu partikolari, iżda t-terminu li jaqblu fuqu l-parteċipanti ta' naħa huwa differenti minn dak li jaqblu fuqu l-kelliema tan-naħa l-oħra.

5.1. Il-Varjazzjoni Lessikali

Qabelxejn, għal tnejn biss mill-istampi kollha ma kienx hemm varjazzjoni lessikali bejn il-kelliema, tant li qablu dwar l-użu tat-termini *pexxul* jew *pexxun* u *lighter*. Dan jindika li fil-maġġoranza tal-istampi kien hemm varjazzjoni. Fit-tabella t'hawn taħt jidhru xi eżempji li fihom okkorriet il-varjazzjoni.

Tabella 2: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet il-varjazzjoni lessikali

Stampa	Varjanti	Frekwenza
6	Nannakola	62.5%
	Żebbellika	21.25%
	Żajba żajbona	12.5%
11	Foil	73.75%
	Fidda	15%
	Smontor	11.25%
23	Moxt	51.25%
	Pettne	48.75%

5.2. Il-Varjazzjoni Grammatikali

Fil-parti grammatikali tal-kwestjonarju, peress li kienet sekondarja għall-istudju tiegħi, kelli biss 9 stampi minħabba li tlieta minnhom kienu fillers. Minn dawn l-istampi, għal tlieta minnhom ma kienx hemm varjazzjoni, tant li l-informanti qablu dwar il-plurali *purtieri*, *karozzi* u *mirja*. Għall-istampi l-oħra okkorriet xi forma ta' varjazzjoni, kif jidher fit-tabella li ġejja. Il-perċentwali ta' stampa 36 u 43 ma jiġux 100% għax ingħataw xi tweġibiet oħrajn, bħal *ġebel* u *ġdid fjamant*, li għall-iskop tat-taħriġ tqiesu irrelevanti.

Tabella 3: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet il-varjazzjoni grammatikali

Stampa	Varjanti	Frekwenza
36	Kantuni	27.5%
	Knaten	62.5%
38	Torti	78.75%
	Torot	21.25%
43	Iktar ġdid	73.75%
	Iġded	25%

5.3. Il-Varjazzjoni Ġeografika

Biex inwieġeb il-mistoqsijiet ewlenin li wasslu għal din it-teżina, f'din it-taqsima nibda billi nħares lejn il-varjazzjoni fi ħdan l-istess belt u nanalizza s-similaritajiet u d-differenzi bejn il-kelliema miż-żewġ żoni tal-istess lokalità. Minn hawn ngħaddi għal livell usa' u niddiskuti l-varjazzjoni esterna, jiġifieri bejn l-erbat ibliet magħżula. Fl-aħħar niġbor numru ta' termini lokalizzati.

5.3.1. Il-Varjazzjoni Interna

Il-varjazzjoni interna klassifikajtha f'żewġ tipi. Fl-ewwel tip ġbart l-istampi li għalihom il-parteċipanti tal-ewwel żona qablu dwar varjant, filwaqt li l-kelliema tat-tieni żona, għalkemm qablu wkoll dwar varjant wieħed, użaw terminu li kien differenti minn taż-żona l-oħra. Din it-tip ta' varjazzjoni kienet minima, tant li okkorriet biss fi stampi 6, 18 u 30. Fit-tieni tip insibu sitwazzjoni fejn il-maġġoranza tal-parteċipanti f'żona minnhom jaqblu dwar l-istess varjant, waqt li fiż-żona l-oħra jintqalu għadd ta' varjanti. Din it-tip ta' varjazzjoni okkorriet għal 62.5% tal-istampi. Fit-tabelli t'hawn taħt jidhru xi ftit eżempji.

Tabella 4: Ir-Riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet varjazzjoni lessikali interna tal-ewwel tip

Stampa	Lokalità	Żona	Varjanti	Frekwenza
6	Ir-Rabat	Wara San Franġisk	Nannankola	80%
		Wara Santu Wistin	Żebbellika	70%
18	Ħaż-Żebbuġ	Ħal Muxi	Karrotti	80%
		Ħal Mula	Zunnarija	80%
30	Iż-Żejtun	Ir-Raħal ta' Fuq	Tbenġila	100%
		Ir-Raħal t'Isfel	Kaħħala	70%

Tabella 5: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet varjazzjoni lessikali interna tat-tieni tip

Stampa	Lokalità	Żona	Varjanti	Frekwenza
9	Ħal Qormi	San Ġorġ	Tajra	40%
			Ħamiema	60%
		San Bastjan	Tajra	90%
19	Ir-Rabat	Wara San Franġisk	Bambaluni	60%
			Pasti	20%
			Pasti tal-coconut	20%
		Wara Santu Wistin	Bambaluni	80%
18	Ħaż-Żebbuġ	Ħal Muxi	Toppu	60%
			Kagħka	30%
		Ħal Mula	Toppu	80%
29	Iż-Żejtun	Ir-Raħal ta' Fuq	Toilet	90%
		Ir-Raħal t'Isfel	Toilet	60%
			Loki	20%
			W.C.	20%

Bejn iż-żoni ħarġu wkoll xi differenzi grammatikali, iżda dawn kienu ftit. Ngħidu aħna, għal stampa minnhom, il-maġġoranza tal-parteċipanti miż-żona ta' Ħal Mula preferew il-plural miksur *knaten* (90%) waqt li f'Ħal Muxi l-parteċipanti użaw kemm *knaten* (50%) kif ukoll *kantuni* (40%).

5.3.2. Il-Varjazzjoni Esterna

Bħal fi studji li saru qabel, minn dan l-istħarriġ ħarġet ċara l-preżenza tal-varjazzjoni esterna, f'dan il-każ bejn Ħal Qormi, iż-Żejtun, Ħaż-Żebbuġ u r-Rabat, Għawdex. It-tabella li ġejja turi wħud mir-riżultati:

Tabella 6: Eżempji mir-riżultati tal-istampi li għalihom okkorriet varjazzjoni lessikali esterna

Stampa	Lokalità	Varjant	Frekwenza
4	Ħal Qormi	Saqqu	100%
	Iż-Żejtun	Saqqu	100%
	Ħaż-Żebbuġ	Saqqu	100%
	Ir-Rabat	Mitraħ	65%
		Saqqu	25%
9	Ħal Qormi	Tajra	65%
		Ħamiema	35%
	Iż-Żejtun	Tajra	35%
		Manuċċa	65%
	Ħaż-Żebbuġ	Tajra	35%
		Ħamiema	65%
	Ir-Rabat	Ħamiema	95%

Kif rajna fil-każ tal-varjazzjoni interna, bejn l-erbat ibliet ħarġu xi differenzi grammatikali. Eżempju ta' dan huwa l-plural tal-kelma *torta*. Il-plural sħiħ *torti* kien l-aktar terminu frekwenti f'Ħal Qormi, fiż-Żejtun u f'Ħaż-Żebbuġ, iżda l-maġġoranza tal-parteċipanti Rabtin, inqdew bil-plural miksur *torot*.

5.3.3. Il-Varjazzjoni Lokalizzata

L-aħħar osservazzjoni fejn tidħol il-varjazzjoni ġeografika hi dwar termini li huma marbuta ma' lokalità speċifika għax intużaw minn kelliema f'lokalità waħda biss. Kif jidher fit-tabella li ġejja, il-maġġoranza tat-termini lokalizzati ntqalu f'Għawdex.

Tabella 7: Eżempji mil-lista ta' termini lokalizzati

Stampa	Varjant	Frekwenza	Lokalità
9	Manuċċa	65%	Iż-Żejtun
6	Żajba żajbona	50%	Ħaż-Żebbuġ
4	Mitraħ	75%	Ir-Rabat
10	Par (karti tal-logħob)	80%	Ir-Rabat
14	Boxxla	70%	Ir-Rabat
19	Bambaluni	70%	Ir-Rabat
25	Bankonċini	85%	Ir-Rabat

5.4. Il-Varjazzjoni skont is-Sess

F'dan l-istħarriġ il-varjazzjoni bejn is-sessi ma kinitx daqstant qawwija, għalhekk għażilt li nieqaf mal-livell estern tal-ġeografija, għax ma kienx hemm riżultati biżżejjed biex issir analiżi tad-differenzi bejn is-sessi fi ħdan kull belt. B'ħarsa ġenerali, fit-tabella li ġejja jidhru xi differenzi lessikali bejn l-40 raġel u l-40 mara li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ:

Tabella 8: Eżempji ta' varjazzjoni lessikali bejn is-sessi

Stampa	Sess	Varjant	Frekwenza
24	Irġiel	Beritta	20%
		Skufja	32.5%
		Barnuża	32.5%
	Nisa	Beritta	70%
26	Irġiel	Ħakkieka tal-ġobon	65%
		Imħakka tal-ġobon	20%
		Li tħokk il-ġobon	15%
	Nisa	Ħakkieka tal-ġobon	47.5%
		Imħakka tal-ġobon	52.5%

6. Konklużjoni

Minn dan l-istħarriġ ħarġu ħames sejbiet ewlenin. Qabelxejn, nistgħu nikkonkludu li bejn il-kelliema jeżistu numru sostanzjali ta' differenzi lessikali, tant li mill-analiżi tar-riżultati jidher li għal 93.75% tal-istampi mill-parti lessikali tal-kwestjonarju l-informanti varjaw lessikalment.

It-tieni sejba tittratta l-varjazzjoni abbażi tal-ġeografija, speċifikament fi ħdan l-istess belt. Mill-analiżi tar-riżultati ħareġ li l-varjazzjoni interna hija minima. Għal 9.4% biss tal-istampi, kien hemm varjazzjoni fl-iktar varjant frekwenti f'kull żona.

It-tielet sejba, dwar il-fattur tal-ġeografija wkoll, tittratta l-varjazzjoni esterna. Il-varjazzjoni fuq dan il-livell hi qawwija, tant li okkorriet għal 90.63% tal-istampi mill-parti lessikali tal-kwestjonarju. Osservazzjoni oħra tikkonċerna numru ta' termini li okkorrew f'lokalità waħda biss u għalhekk huma varjanti lokalizzati, għalkemm dan l-istudju stħarreġ erba' lokalitajiet biss.

Ir-raba' sejba tinvolvi l-fattur tas-sess. Sibt li għal 25% tal-istampi tal-kwestjonarju okkorrew xi differenzi bejn il-kelliema rġiel u l-kelliema nisa, minkejja li ħafna minn dawn kienu pjuttost sottili.

Il-ħames sejba tinvolvi l-varjazzjoni grammatikali. Il-parti grammatikali tal-kwestjonarju ftit li xejn ħalliet frott, la fejn tidħol il-varjazzjoni interna u lanqas fejn tidħol il-varjazzjoni esterna.

Mir-riżultati ta' dan l-istħarriġ, b'hekk, tfeġġ din il-mistoqsija: Jista' jkun li l-varjazzjoni interna hi biss fuq livell ta' aċċent u mhux djalett? Sabiex din il-mistoqsija titwieġeb irid isir studju parallel ma' dan iżda li jittratta speċifikament livelli lingwistiċi oħra, partikolarment il-livell fonoloġiku.

Biblijografija

Attard, K. u M. Spagnol. "Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi." *Leħen il-Malti Għadd 33*, 97-118. Għaqda tal-Malti –Università, 2014.

Borg, A. *Ilsienna: Studju Grammatikali.* Ħas-Sajjied, Malta: Pubblikazzjoni tal-Awtur, 1988.

Borg, A. "Lectal Variation in Maltese." F'Caruana, S., Fabri. R., u Stolz, T. (Ed.), *Variation and Change. The Dynamics of Maltese in Space, Time and Society* (pp. 11-31). Berlin: De Gruyter, 2011.

Borg, A. u M. Azzopardi-Alexander. *Maltese. Lingua Descriptive Grammars*. Londra u New York: Routledge, 1997.

Borg, C. *Studju Soċjolingwistiku fuq ir-Reġistru tal-Futbol* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2016.

Bugeja, K.M. *Il-Plural Sħiħ – Il-Plural Miksur: Min Jgħid Xiex?* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2018.

Busuttil, L. *Il-Qasam Lessikali tax-Xagħar* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2013.

Camilleri Grima, A. *Language, Socialisation and Education in Mġarr* (Teżi tal-B.Ed. Unuri). L-Università ta' Malta, 1987.

Camilleri, A. *Ir-Reġistru tal-Ilbies* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2015.

Cassar, F. *Varjazzjoni Djalettali fil-Qasam Lessikali tal-Ħelu* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2013.

Chambers, J.K., u P. Trudgill. *Dialectology.* Ir-Renju Unit: Cambridge University Press, 1998.

Coulmas, F. *Sociolinguistics: The Study of Speakers' Choices.* New York: Cambridge University Press, 2005.

Crystal, D. *The Cambridge Encyclopedia of Language.* New York: Cambridge University Press, 2010.

Eckert, P. "The whole woman: Sex and gender difference in variation." *Language Variation and Change, 1*(3), 245-267, 1989. https://doi.org/10.1017/S095439450000017X

Farrugia, A. *Il-Varjanti tal-Plural fil-Malti* (Teżi tal-B.A. Unuri). L-Università ta' Malta, 2013.

Farrugia, R. *Analiżi Akustika u Komparattiva ta' Żewġ Djaletti Għawdxin* (Teżi tal-M.A.). L-Università ta' Malta, 2016.

Geeraerts, D. "Varieties of Variation." F'Geeraerts, D., Grondelaers, S., u Bakema, P. (Ed.), *The Structure of Lexical Variation: Meaning, Naming and Context* (pp. 1-16). Berlin, New York: Mouton de Gruyter, 1994.

Holmes, J. *An Introduction to Sociolinguistics.* Londra u New York: Routledge, 2013.

Labov, W. "The intersection of sex and social class in the course of linguistic change." *Language Variation and Change, 2*(2), 205-254, 1990. https://doi.org/10.1017/S0954394500000338

Lakoff, R. "Language and woman's place." *Language in Society, 2*(1), 45-79, 1973. https://doi.org/10.1017/S0047404500000051

Milroy, J. Variability, language change, and the history of English. *International Journal of English Studies*, *5*(1), 1-11, 2005. https://revistas.um.es/ijes/article/view/47831

Radford, A., Atkinson, M., Britain, D., Clahsen, H., u Spencer, A. *Linguistics: An Introduction.* Ir-Renju Unit: Cambridge University Press, 2009.

Robinson, J. "Phonological variation accross the UK." *British Accents and Dialects*. British Library Newsletter, 2019. https://www.bl.uk/british-accents-and-dialects/articles/phonological-variation-across-the-uk

Vanhove, M. On the survival of [ʕ] in a Maltese idiolect at Mtaħleb in Malta. *Journal of Afroasiatic Languages, 3,* 22-34, 1991. https://www.academia.edu/8480392/1991-92._On_the_Survival_of_%CA%95_in_a_Maltese_Idiolect_at_Mta%C4%A7leb_in_Malta._Journal_of_Afroasiatic_Languages_3_22-34

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI